# IL-PULIZIJA



Vol. 6 No. 10




In 1975 Mid-Med Bank Limited was established to take over the business of Barclays Bank International Limited in Malta and Gozo. Barclays had originally taken over, 50 years earlier, the business of the Anglo-Egyptian Bank, which bank had been established in Malta since 1881! So, in reality, though we are only 10 years old, our foundations were laid over 100 years ago.

Since its formation in 1975 Mid-Med has increased Customers' Funds by 137% and Advances to customers by 88% – a truly remarkable growth!

Mid-Med Bank Limited

**HEAD OFFICE – 233 REPUBLIC STREET**
**VALLETTA**
**MALTA**

*The 10-year old Bank with over 100 years of experience*

# IL-PULIZIJA

LULJU/AWISSU 1987

Organu tal-Pulizija
Stampat fil-Union Press
Editur: PC 512 Martin Ellul
Bord Editorjali: Spettur J. Agius, Surġent Maġġur A. Sciortino, Surġent Maġġur L. Grey, Surġent 649 M. Saliba, Surġent 307 J. Calleja, Surġent 1303 G. Scicluna, PC 720 A. Borg.


**KOPERTINA:**

**Il-pittura mprezzabbli tal-qtugħ tar-ras ta' San Gwann Battista tal-famuż Caravaggio.**

Ritratt tal-kopertina meħud minn P.C. 720 A. Borg.

## F'Din il-Ħarġa


Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ..... 2
The St Jerome's Lessons ..... 3/4
Relazzjonijiet Pubbliċi mill-Pulizija ..... 5
Inspector John Agius – Graduate of the Institution of Analysts and Programmers ..... 6/7
Firearms ..... 8/9
Driving Under The Influence of Drink and Drugs ..... 10
Il-Pulizija u l-Eżerċizzi Fiżiċi ..... 11/12/13
Well and Bravely Done, S.M.U ..... 13
Defamatory Libel and The Plea of Fair Comment ..... 14
Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti ..... 15/16/17/18
Paġna għan-Nisa ..... 19
Subscription to the International Criminal Police Review ..... 20/21
Paġna għat-Tfal ..... 22
Tisliba bi premju ..... 23
Mid-Dinja Mużikali ..... 24
Id-Dritt u Dmir tal-Pulizija ..... 25
Nies Magħrufa ..... 26
L-Akkwarju ..... 27
Qtil Waqt Logħba Poker ..... 28
Admissibility of Post Hypnotic Testimony ..... 29
Sports ..... 31/32


Riferenza għal Magazine "Il-Pulizija", ħarġa Mejju/Ġunju 1987, nixtiequ ninfurmaw lil qarrejja li n-Numru Vol. 6 Nru. 10 deher bi żvista u kellu jinqara Vol 6. No. 9.

***EDITORJAL***

# Il-Pulizija u s-Soċjetà

*Nhar l-4 ta' Awissu, 1987 il-Pulizija Maltija rnexxielha ssolvi l-każ magħruf tas-Serq tal-pittura ta' San Ġerolmu magħrufa aħjar bħala tal-Caravaggio. Pittura imprezzabbli u ta' wirt storiku għal pajjiżna. Dan kollu grazzi għal dawk il-membri tal-Korp tal-Pulizija, li taħt it-tmexxija tas-Supretendent Alfred Calleja, li flimkien ma' membri oħra tal-Forzi Armati ta' Malta, ħadmu b'mod għaqli, li fi kliem is-Supretendent Calleja stess kien xogħol li kien jirrekjedi segretezza u sorpriża. Barra minn dan kollu wieħed irid isemmi wkoll, kemm ix-xogħol tagħna l-Pulizija jirrekjedi wkoll il-koperazzjoni tal-pubbliku inġenerali li huwa wkoll fattur importanti sabiex il-Pulizija Maltija tkun aktar effiċjenti.*

*Dan is-suċċess għandu jservi ta' tagħlima kbira u l-Pulizija Maltija għandu jkollha kull stima mis-soċjetà dwar dan u każi oħra. Iżda minn dan kollu wieħed irid jagħmel analiżi u jipprova jiskopri x'għandu jsir biex l-effiċjenza tal-Pulizija tkompli tikber.*

*Il-Board Editorjali ta' dan il-Perjodiku pprova jagħmel din l-analiżi u qiegħed jissuġġerixxi li l-Korp tal-Pulizija għandu jkollu sezzjoni li tieħu ħsieb ir-Relazzjoni mas-Soċjetà in-ġenerali.*

**L-Iskop tal-Pulizija:**

*L-iskop prinċipali tal-Pulizija huwa "...li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma tħallix isiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru..." u meta r-reat ikun sar "...li tiġbor il-provi u li ġġib il-ħatjin, sew l-awturi kemm ukoll il-kompliċi, quddiem l-awtorità ġudizzjarja", sabiex ikun jista' jsir ħaqq.*

*Fil-fatt il-protezzjoni tal-ħajja u tal-propjetà, il-preservazzjoni ta' trankwillità fil-pajjiż u n-nuqqas ta' kriminalità biss joffru prova ta' kemm il-Pulizija hija effiċjenti u kemm fil-fatt dawk l-oġġettivi qegħdin jiġu milħuqa. Għalhekk huwa mportanti li l-forzi kollha tal-Pulizija għandhom ikunu mmirati sabiex dawn l-iskopijiet ikunu attwati.*

*Fattur importanti li wieħed għandu jiftakar hu li l-membri tal-Pulizija ġejjin minn kull klassi tas-soċjetà u dawn jiddependu ħafna fuq il-fiduċja u l-koperazzjoni ta' kull ċittadin. Barra minn dak li semmejna hawn fuq, wieħed irid iżid ukoll li l-Pulizija jrid jiftkar li hu d-dmir tiegħu li jipproteġi u jgħin lill-membri tas-soċjetà u jrid iħares*

Ikompli f'paġna 2

# MILL-ASSOĊJAZZJONI TAL-PULIZIJA

• DAN l-aħħar smajna ħafna dwar ix-xogħol li tagħmel il-Pulizija kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol li għandhom l-istess membri. Kulħadd jaqbel li l-Korp tal-Pulizija għandu jaqdi d-doveri tiegħu bl-aktar mod serju u effiċjenti kif ukoll kulħadd jaqbel li l-kundizzjonijiet tal-membri għandhom jkunu jirriflettu sew fil-ħinijiet kif ukoll fil-paga mas-sagrifiċċji li l-istess membri kif ukoll il-familji tagħhom jagħmlu. Hemm bżonn li l-Pulizija tkun stmata bir-rispett u d-dinjità li jixirqilha u mhux tiġi wżata bħala makna li minnha tieħu biss mingħajr ma ttiha xejn ħlief forsi xi kultant 'service' regulari, irridu niftakru li l-membri tal-Korp huma bnedmin bħal ħaddieħor li jħossu sew dak li hu tajjeb kif ukoll dak li jkun ħażin.

*Rapport mis-Surġent*

**649 M. SALIBA**

*Segretarju, Assoċjazzjoni tal-Pulizija*

L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija minn dejjem sostniet mal-membri tagħha sabiex il-Pulizija taqdi dmirha skond il-ġurament li ħadna u fit-talbiet tagħha dejjem kienet prudenti billi dejjem insistiet għal aktar effiċjenza sabiex din minbarra li ttejjeb is-servizz tagħna tkun tista' wkoll tirrifletti fuq ir-riżultati tax-xogħol tagħha u b'hekk il-pubbliku jkun moqdi aktar, għalhekk fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol aħna dejjem insistejna bl-istess qawwa fuq id-drittijiet tagħna mingħajr ebda mistħija jew riserva.

Kulħadd jaf li skond l-Ordinanza tal-Pulizija l-poteri tagħna fejn tidħol l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija hija ristretta ħafna dwar kif isiru t-trattativi dwar it-talbiet tagħna, iżda jkun abbuż serju minn min hu responsabbli li jisma' dawn it-talbiet ġusti li nressqu u jibqa' passiv minħabba li kif għedna aktar qabel ma nistgħu nieħdu ebda passi oħra għajr li nitolbu u nressqu dawk it-talbiet għad-drittijiet tagħna iżda minħabba r-restrizzjonijiet li hemm imposti fuqna permezz tal-Ordinanza tal-Pulizija.

Aħna m'aħniex ninsistu għal dawk id-drittijiet li għandhom ħaddiema u Unions oħra, u dan għaliex aħna responsabbli u nemmnu li fejn ikun hemm rieda tajba min-naħat kollha konċernati dan ikun jista' jwassal għal ftehim ġust mingħajr l-ebda bżonn ta' sagrifiċċji minn ħadd, għalhekk nappellaw lill-Awtoritajiet responsabbli sabiex iqisu dan li qegħdin ngħidu u jittrattaw magħna bl-irgulija li jistħoqqilna.

Matul l-aħħar elezzjonijiet ġenerali li nżammu f'pajjiżna kien hemm xi setturi ta' mpjegati li ħadmu iżjed minn normal minħabba li kien hemm volum ta' xogħol aktar mis-soltu, dan il-fatt ġie aċċettat mill-Awtoritajiet fejn saru diversi dikjarazzjonijiet u stqarrijiet pubbliċi, u li ġustament dawn irrikkomandaw kumpens għal dawn il-ħaddiema. Il-Korp tal-Pulizija f'dawk il-granet u minn diversi xhur qabel matul il-kampanja elettorali ħadem ħafna sigħat żejda u li s'issa ma ġejniex ikkumpensati għalihom.

Fi żminijiet normali l-membri tal-Korp tal-Pulizija diġà qegħdin jaħdmu aktar minn normal bħal ma jaħdmu ħaddiema oħra li bil-Liġi dawn iridu jaħdmu l-massimu ta' ġimgħa ta' 40 siegħa u li din ilha teżisti għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena. Il-membri tal-Pulizija għadha sal-lum minkejja t-talbiet tagħha sabiex niġu naħdmu daqs ħaddiema oħra minkejja l-wegħdiet li saru minn kull naħa, aktar u aktar meta kif semmejt aktar 'il fuq waqt il-kampanja elettorali li għaddiet kemm sigħat żejda ħdimna mingħajr ma biss dawn ġew irreġistrati bl-iskuża li waqt dan iż-żmien ma hemmx limitu għat-tul ta' ħin ta' xogħol.

Għal dawk li jirraġunaw hekk ngħidulhom li fid-dinja għal kollox hemm il-limitu tiegħu. Nittamaw li l-Awtoritajiet konċernati jirrikonoxxu bil-fatti dwar dan li qegħdin ngħidu, u tispiċċa l-mentalità li għax ikun hemm xi allegazzjonijiet ta' abbużi minn xi individwi tingibed kundanna għall-membri kollha tal-Pulizija. Jekk jiġi ppruvat li xi ħadd naqas, jittieħdu l-passi ta' dixxiplina li hemm bżonn issir iżda nerġa' ntenni li ma niġbdux kundanni ġeneriki. Dan qiegħed ngħidu għaliex dawn l-affarijiet saru fl-imgħoddi u kien hemm diversi każi fejn il-Pulizija ma ħaditx dak li ħadmet għalih minħabba dawn il-preġudizzji li kienu jeżistu kontra l-Korp tal-Pulizija.

Suġġett li xtaqt nikteb dwaru huwa fejn jidħol l-ambjent li fih ħafna mill-membri tal-Korp jqattgħu waqt iż-żmien li jkunu jservu bħala membri fil-Korp. Dan li qiegħed nirreferi għalih huwa l-post tax-xogħol jiġifieri l-Għases tal-Pulizija, b'sodisfazzjon qegħdin ninnotaw li kważi l-Għases kollha qegħdin jingħataw face lift ġdida rigward manutenzjoni u dehra ġenerali, dan kien wieħed mit-talbiet persistenti tal-imgħoddi li l-Assoċjazzjoni dejjem tkellmet dwaru, li nixtiequ huwa li wara li jsiru x-xogħlijiet meħtieġa ma jieqafx kollox hemm iżda jibqa' jsir dak ix-xogħol regolari ta' żebgħa u manutenzjoni meħtieġa regolarment sabiex id-dehra ta' l-Għases tibqa' kif verament jixraq għad-dekor ta' l-istess Korp.

Appell li nixtieq nagħmel lill-membri kollha huwa sabiex kulħadd jibża' għall-indafa bħal ma kulħadd jagħmel meta jkun f'daru, ma rridux ninsew li parti sew minn ħajjitna nqattgħuha ġewwa l-Għassa tal-Pulizija li tista' titqies bħala t-tieni dar tagħna.

Fl-aħħar nerġa' ntenni sabiex ilkoll naqdu dmirna kif marbutin bil-ġurament bl-akbar fedeltà lejn pajjiżna u l-Kostituzzjoni u bl-istess dritt u serjetà ninsistu għad-drittijiet tagħna.




Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories
Propellant powders, sporting ammunition and Deep Rock
Drilling machines.

"PULVICH HOUSE"
101, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA
TEL.: 225287-607707

# THE ST JEROME'S LESSONS

**By Senior Inspector**
**ANGELO FARRUGIA**
***(Dip. Cons. Administration Malta)***

**□ ON THE 29TH OF DECEMBER 1984 in the afternoon, the precious painting of St. Jerome by Caravaggio was stolen from the museum of the Con-Cathedral of St. John at Valletta. This theft shocked Malta especially those who have close to their hearts the Maltese artistic heritage. This painting besides being one of the most important paintings by Caravaggio, has a great artistic value in the world. It was both a loss to Malta and the world Students studying art spend hours and hours appreciating this St. Jerome painting. That day, I did not form part of the investigating group.**



Years passed, and although I am aware that intensive investigations were carried out this painting remained missing. There were many rumours that this painting was somewhere abroad probably in Europe and at one stage even USA was mentioned. Interpol was asked to assist and informations were exchanged. Months ago there was an important development at executive level in respect to this investigation and this was passed to the present government following the change of power last May and thanks to the team effort of the members of the Police Force and the Task Force under the leadership of the dedicated, intelligent, and experienced police Superintendent Alfred Calleja, who returned back to the Force after some years of absence, this painting of St. Jerome, was found in good condition on the 4th of August 1987 in a place here in Malta.

After its discovery several persons were arrested and investigated. Two days later, two persons were arraigned in court and charged accordingly. About the case and the investigation it is not proper to discuss as the case is still sub-judice and the investigation is still at its early stages.

However, notwithstanding this great success, the recovery of St. Jerome painting by Caravaggio, has much to teach. It is a lesson to the authorities who have to provide adequate security to our museums especially in those places where such work of arts are permanently exhibited. It is a lesson to all politicians where cooperation at high level is essential and has proved to lead to the best results as it did in the Caravaggio's case. It is a lesson to the Police Force where team work must be an asset in most investigations in order to achieve the best results (Supt. Alfred Calleja was assisted by four Police Inspectors, a number of seargents, constables and also members of the Task Force). We should NOT let our ambitions to run wild. As long a we think of one whole Police Force, we should not try to limit ourselves to personal esteem, prestige and gains. Individualism in police investigations is no longer the formula and I cannot remember when it really was.

Our aims must be collective and must be stramed only to improve the image of the Police Corp, organise ourselves, solve as many crimes as possible, and keep ourselves away from any political influence as is clearly stated in the Police Ordinance. Keeping these in mind, we will show the world how efficient and ideal our Police Corp is. We will be the admiration of other Police Forces abroad. Most definitely the Caravaggio's case has already put us in the right direction. We need now to follow this direction with greater determination.

Of course there are other lessons that we have to learn from the discovery of the St. Jerome painting. I cannot not mention the fact that we are still amateurs in the art of surveilance. We need to team more how to shadow properly a person or a vehicle, without letting ourselves to be exposed too far. We should have a group of members of our Force that must undergone proper training in the exercise of surveillance. Having these people trained, whenever the need arises, we will always be prepared to carry on any other task.

Caravaggio whose real name is Michelangelo Merisi dies in 1610, and nearly 300 years after, we are still learning how to investigate (thanks to St Jerome) besides appreciating his genius.

**Il-messaġġ tas-Supt. Alfred Calleja fl-okkażjoni tas-sejba tal-pittura ta' Caravaggio qiegħed f'paġna 4.**



serie brava
Have you placed your order?
Many others have, and they made a bargain! So why not you? — When for only
Lm150
you can get a first quality bathroom suite complete with "Grohe" chrome fittings and twelve colours to choose from!
LAILA CERAMICS
740 HIGH STREET, HAMRUN

*Il-Prim Ministru l-Onor Eddie Fenech Adami, flimkien mal-Viċi Kap u Ministru tal-Ġustizzja, l-Onor. Guido Demarco u l-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Sport, l-Onor. Ugo Mifsud Bonnici, ma' uffiċjali u Membri tal-Korp tal-Pulizija, fl-Officers' Mess tad-Depot tal-Pulizija, wara s-sejba tal-pittura imprezzabbli tal-Caravaggio.*



# IL-PULIZIJA U S-SOĊJETÀ

**Ikompli minn paġna 1**

*lejh innifsu bħala servjent u għassies tad-drittijiet tas-soċjetà. Il-Pulizija jrid jiftakar ukoll li hu parti mis-servizzi soċjali li joffri l-pajjiż.*

**Relazzjonijiet Pubbliċi:**

*Dan is-suġġett jeħtieġ li jiġi nvestigat tajjeb. Mingħajr il-koperazzjoni tal-Pubbliku, ix-xogħol tagħna huwa ferm diffiċli. Aħna qegħdin nissuġġerixxu li titwaqqaf Sezzjoni fi ħdan il-Korp sabiex issegwi, tkabbar u żżomm kuntatt mal-Pubbliku. Din is-Sezzjoni għandha tifforma parti minn Dipartiment ta' Informazzjoni Pubblika dwar ix-xogħol u l-attività tal-Korp tal-Pulizija.*

*Ix-xogħol ta' din is-Sezzjoni għandu jkun ibbażat sabiex il-Pulizija ssir taf aktar mill-qrib il-ħtiġijiet tal-Pubbliku u sabiex il-Pubbliku jsir jaf aħjar lill-Pulizija u x-xogħol tagħha. Kull attività tal-Pulizija għandha tingħata pubbliċità fil-mezzi kollha tax-Xandir sabiex il-kuntatt tal-Pulizija u s-soċjetà jkun kontinwu.*

*Din is-Sezzjoni għandu jkollha bħala funzjoni — l-istħarriġ tad-delinkwenza fost iż-żgħażagħ, l-Ambjent fil-lokalitajiet, il-ħtiġijiet fil-Komunità kif ukoll li twassal dak kollu li l-Pulizija tagħmel in-konnessjoni mas-Soċjetà. Bħala għan ewlieni din is-Sezzjoni għandha żżomm bħala l-oġġettiv prinċipali "Il-Koperazzjoni tas-Soċjetà mal-Pulizija u vice versa". Barra minn dan, din is-Sezzjoni trid tkun minn ta' quddiem biex tgħallem lis-Soċjetà dwar 'Crime Prevention' u bil-mezzi tagħha twassal informazzjoni teknika f'dan ir-rigward. Hawn ta' min isemmi li parti minn dan ix-xogħol diġà qiegħed isir permezz ta' dan il-Perjodiku, iżda dan mhux biżżejjed.*

**Suċċess jew falliment:**

*S'intendi, sabiex xi ħaġa tirnexxi trid l-ewwel tifrex is-sodda jew inkella flok suċċess tasal għall-falliment ta' dak li tkun qiegħed tipprova tagħmel. Biex dan kollu jkun jista' jsir, din is-Sezzjoni jrid ikollha speċi ta' 'Liaison Officer' li jkun responsabbli minn distrett partikulari. Fattur ieħor importanti hu wkoll li dan il-'Liaison Officer' waħdu ma jistax ilaħħaq ma' kollox. Għalhekk dan għandu jkun biss ko-ordinatur ta' l-attività kollha li ssir fid-Distrett li tiegħu ikun responsabbli.*

*Bħala parti mix-xogħol tiegħu, il-'Liaison Officer' għandu jkollu l-funzjoni li: (1) Jinkoraġġixxi u jikkordina attivitajiet bejn il-Pulizija u l-kumplament tas-Soċjetà fid-Distrett tiegħu; (2) Li jassigura li l-membri kollha tas-Soċjetà fid-Distrett tiegħu jafuh u jifhmu r-rowl tiegħu; (3) Jassigura li l-Pulizija fid-Distrett jifhmu sew il-problemi tal-komunità u li kapaċi joffru alternattiva għas-soluzzjoni tagħhom; u (4) Li jkollu superviżjoni kompleta taż-Żgħażagħ. Dan għandu jkun mgħejjun min-numru ta' Beat Officers, liema sistema għandha terġa' tiġi ntrodotta. Ara l-artiklu "Relazzjonijiet Pubbliċi" f'paġna 5.*

*● Tajjeb wieħed ikun jaf x'qal il-moħħ ta' wara din l-operazzjoni s-Supt. Alfred Calleja, ftit minuti biss wara s-sejba tal-pittura ta' San Ġilormu tal-Caravaggio fl-Officers Mess fil-preżenza tal-Prim Ministru Onor. Dr Eddie Fenech Adami LLD, il-Ministru tal-Ġustizzja u Intern Onor. Dr. Guido Demarco LLD MP, u l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Kultura u Sports, Dr. Ugo Mifsud Bonnici LLD, MP.*

*"Nixtieq inżid kelma ta' ringrazzjament. Nirringrazzja l-ewwel nett lill-Ispettur Anglu Farrugia, l-Ispettur Charles Galea, l-Ispettur Paul Sammut, u t-team tiegħi kollu li tant ħadmu f'din l-operazzjoni. Nirringrazzja lill-membri kollha ta' SMU taħt it-tmexxija ta' l-Ispettur Charles Cassar, li kienu strumentali f'din is-sejba, kif ukoll lill-Kurunell Maurice Calleja u l-membri tat-Task Force kollha, li ħadu parti u li wkoll kienu ferm strumentali, kif ukoll il-membri tal-Control room.*

*Lil dawn kollha nitlobhom skuża għaliex żammejthom fid-dlam rigward x'kien qed jiġri sa l-aħħar mument, biss jiena persważ illi llum kollha jirrejalizzaw illi operazzjoni ta' din ix-xorta tirrekjedi żewġ fatturi mportanti li huma segretezza u sorpriża.*

*Is-segretezza żammejniha u s-sorpriża tajniha".*

# FAMOS

DOMESTIC APPLIANCES





# MARBELT

Department Stores

CROSS ROAD, MARSA

Tel. 223197, 607966



# GEORGE BARTOLO

## GENERAL MERCHANT

## IMPORTS & STOCKISTS

***MEMBER OF ASSOCIATED DISTRIBUTORS***

**10, MILE END STREET – ĦAMRUN**

**TEL: 628620 – 225180**

***General & Foodstuffs Wholesaler***

☐ A.D.L. JAM PRODUCTS

☐ HANS STEINHAUSER CHEESES, PEPATO, ROMANO, KEFALOTIRI

# This one's for me. diet Coke.

*Now for you in Malta
the great taste of diet Coke ...
the real Cola taste with just
ONE CALORIE.
For looking good and
feeling good.
The taste is right. It's diet Coca-Cola.*







Great taste. ONE CALORIE. diet Coca-Cola diet Coke

*'diet Coke' and 'diet Coca-Cola' are trade marks of the Coca-Cola Company*

# Relazzjonijiet pubbliċi mill-Pulizija

Mill-Ispettur
JOHN AGIUS

**□ DAN l-artiklu jkompli ma' l-Editorjal ta' din il-ħarġa. Wieħed irid jiftakar li xogħol ta' relazzjonijiet pubbliċi ma jistax isir minn persuna waħda. Irid ikun hemm xi ħadd li jżomm kuntatt dirett mas-soċjetà. Dan ix-xogħol jista' jsir minn Beat Officer.**

**□ Il-Beat Officer:**

Dan ix-xogħol jitlob dedikazzjoni kbira mil-'Liaison Officer' konċernat u dan ix-xogħol kollu li semmejna jista' jagħmlu biss meta jirnexxilu jsir jaf tajjeb il-komunita ta' madwaru u wkoll meta l-komunita ta' madwaru issir taf lilu. Dan jista' jintlaħaq biss bis-sistema tal-Beat Officer. ix-xogħol tal-Beat Officer inqata' minħabba l-fatt li s-soċjetà tbiddlet u l-Pulizija saret aktar mobbli u bdiet tuża' mezzi aktar effiċjenti ta' trasport, eċċ.

Il-Beat Officer, li fl-Ingilterra huwa magħruf aħjar bħala l-Village Bobby, kien jgħin ħafna lill-Pulizija biex iżomm kuntatt dirett mal-pubbliku. Fl-Ingilterra, dan kien iservi bħala l-ħabib persunali tal-Komunità, dejjem lest biex jgħin u fl-istess ħin kien iżomm għajnejh fuq dak kollu li jiġri madwaru b'hekk inħolqot ċerta fiduċja f'dan il-Beat Officer li kien qiegħed hemm biex jassisti lill-komunità meta jkun hemm il-ħtieġa.

**□ Il-Liaison Officer u l-Beat Officer:**

Essenzjalment, ir-rowl tal-Pulizija fis-Soċjetà huwa li jżommu bilanċ, liema bilanċ, ħafna drabi jkun jiddependi minn ħafna fatturi. Min-naħa l-waħda, il-Pulizija trid tinforza l-liġi kif magħmula mir-rappreżentanti tal-poplu fil-Parlament u min-naħa l-oħra dawn iridu jiggarantixxu l-libertà ta' l-individwu.

Biex dan ikun jista' jsir, il-Pulizija trid iżżomm bilanċ bejn il-ħtiġijiet taċ-ċittadin bħala individwu u l-ħtiġijiet tal-komunità in-ġenerali li wara kollox l-istess Pulizija huwa parti minnha.

Is-sigriet tal-Pulizija sabiex ikollha suċċess biex iżżomm dan il-bilanċ u fl-istess ħin tinforza l-liġi huwa li tkun kapaċi tagħmel dan b'reqqa, b'dehen u b'deskrizzjoni u fuq kollox b'ċertu libertà kostituzzjonali fejn il-Pulizija tkun kapaċi u libera li taġixxi fuq il-kuxjenza u b'responsabbiltà kbira individwali tal-membri tagħha. Dan żgur li mhux faċli.

Għalhekk, il-Liaison Officer flimkien mal-Beat Officer għandhom iżommu kuntatt dirett mas-setturi kollha fid-Distrett tagħhom. Għandhom ikollhom il-ħin li jipparteċipaw f'kumitati lokali ta' Għaqdiet taż-Żgħażagħ, dawk sportivi, Għaqdiet Ċiviċi u Kunsilli Parrokjali.

Dawn, flimkien għandhom jippjanaw u jorganizzaw speċi ta' programm għall-iskejjel tal-lokal. Għandhom jorganizzaw diskussjonijeit għat-tfal ta' l-Iskejjel mhux biss biex jitkellmu mat-tfal, iżda wkoll biex jiltaqgħu ma' l-għalliema. Għandhom ukoll jorganizzaw wirjiet dwar per eżempju "Il-Pulizija fis-Soċjetà"; "Il-Liġi Kriminali"; "Road Safety" u "Id-Drittijiet u Dmirijiet taċ-Ċittadin", eċċ. Laqgħat oħra jistgħu jsiru wkoll ma' l-Assoċjazzjoni Ġenituri u Għalliema. Dan kollu jifforma dawk li jissejħu 'lines of communication' fost is-soċjetà u jifforma karattru ġdid fost iż-żgħażagħ minn mindu jkunu ta' età żgħira. Meta jsiru diskussjonijiet mat-tfal, l-istess tfal ikollhom iċ-ċans li jitkellmu mal-Pulizija mingħajr konfrontazzjoni. Dan kollu jwassal biex tinbidel l-attitudni tas-soċjetà li jaħseb li l-Pulizija hija biss xi mostru ta' awtorità.

Dawn it-tip ta' attivitajiet u diskussjonijiet kif ukoll wirjiet m'għandhom biss ikunu magħluqa għat-tfal ta' l-iskejjel iżda għandhom ikunu miftuħa għal dawk l-Għaqdiet li jitolbu lil xi membri tal-Pulizija biex imorru jagħmlu diskussjonijiet, eċċ ... fosthom.

**□ Ir-Riżultat:**

Aktar ma l-Liaison Officer u l-Beat Officer jipparteċipaw fost il-ħafna għaqdiet fil-Lokal tagħhom aktar ikun iċ-ċans li dawn isiru jafu l-ħtiġijiet tal-komunita. Għalhekk parti oħra tax-xogħol ta' din is-sezzjoni għandha tkun li huma stess, ċioe il-Liaison Officer u l-Beat Officers, għandhom ifittxu u jistiednu lilhom infushom għal attivitajiet fost il-komunità.

Ma' dan kollu, din is-sezzjoni għandha tipprova toħloq kuxjenza diretta fost il-komunita billi tissuġġerixxi lil dawk il-ħafna għaqdiet sabiex jorganizzaw ċerti attivitajiet. Kemm il-Beat Officer u l-Liaison Officer għandhom ipoġġu fuq ċerti Kumitati u jippruvaw iħeġġu attivitajiet fost żgħażagħ bla xogħol. kultivazzjoni dwar housing schemes biex jitnaqqas il-vandaliżmu. Għandhom jgħinu lill-vittmi tal-kriminalità u jgħinu wkoll lil dawk li għal xi raġuni jew oħra ġew aljenati mill-kumplament tas-soċjetà.

**□ Inżommu l-Poplu Infurmat:**

Għalkemm dan ix-xogħol minn din is-sezzjoni jista' jiswa ta' ġid, wieħed irid iżomm f'rasu li ħafna nies għandhom kuntatt żgħir jew m'għandhom ebda kuntatt mal-Pulizija. Dawn in-nies jiddependu ħafna fuq it-Televiżjoni u Radju u l-Gazzetti. Fil-fatt din il-parti tas-soċjetà tista' biss tifforma idea tal-Pulizija minn dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni. Għalhekk huwa ferm importanti li din l-informazzjoni tiġi mgħoddija b'eżattezza kbira lil dawn il-mezzi tax-xandir.

**□ Konklużjoni:**

Jekk il-Pulizija Maltija jirnexxilha tibni sezzjoni bħal din,

**Ikompli f'paġna 7**



Inspector John Agius

# Graduate of the Institution of Analysts and Programmers



THE INSTITUTION OF ANALYSTS & PROGRAMMERS

LOGIKO ESTAS MIA SERVISTO

This is to Certify that

JOHN AGIUS

having successfully completed an approved course of instruction at

THE DATATECH COMPUTER CENTRE

was duly Elected a

GRADUATE

of the Institution of Analysts & Programmers

on the Twenty-Fifth day of June 1987.

Given under the Seal of the Institution in the Presence of

President

General Secretary

870625G841

**☐ INSPECTOR John Agius has recently successfully completed an approved course of studies in Computer Systems and was awarded Graduate Membership of the Institution of Analysts and Programmers (U.K.). The Institution awarding its membership to Inspector J. Agius is a UK based Organisation for the advancement and greater recognition of the Profession of Systems Analysts and Computer Programmers.**

Inspector John Agius is now entitled to use the designatory letters Grad. I.A.P. He is also entitled to use the Institution's bearings and the Institution's Data Process Contract for his professional business free of any royalty or other charges.

The course was based on Computer Concepts, Systems Analysts. Computer Programming, High Level & Fourth Generation Languages and the various Operating Systems used in today's Computer Technology.

This professional qualification is recognised in over 50 countries and should stand him in good stead in his future. Inspector J. Agius wishes to further his studies in the field of Computer Science by specialising in Data Processing Management.

Inspector John Agius has studied Electronics at the Paola Technical Institute for Further Education between 1971/76. During this period he obtained certificates from the City & Guilds of London Institute. Later, in 1976 he studied Journalism & Professional Writing with The Trans World Tutorial College (U.K.) where he was awarded a Diploma in the subject.

During 1981 to 1984 he attended for an evening course leading to a certificate in Supervisory Management organised by the University of Malta. When he later joined the Malta Police Force in September 1984 as a Police Inspector he attended another course at the University of Malta leading to a Diploma in Law & Administration. He also attended other courses connected with Police Work. Lately, Inspector J. Agius, was appointed as Member on the Government Committee for Legal Data Processing. This Committee is within the Ministry of Justice and is aimed at studying the possibility of introducing a computerised system at the same Ministry.

His interest in Computers started way back in 1973 when he

## – Graduate of the Institution of Analysts and Programmers

●Continued from page 6

was studying Electronics. Then he sat for an examination to attend a course in Computer Operations at London, England. Although he was the leading student in the examination he had to withdraw his nomination due to financial problems. However he continued his studies on personal basis.

Between 1978 and 1981 he had the opportunity to take part in the implementation of a computer system abroad when at that time he was employed as Personnel Officer with an Italian Construction Company. When he returned to Malta in 1981 he worked on computers with a local firm. Then, in 1982 he joined the Multi-National Italian Semi-conductor Company SGS(Ates) as a supervisor engaged in the Testing and Finishing process of computer and other electronic components.

From SGS(Ates) he joined the Malta Police Force as Police Inspector. Since then he has served at district – "D:F & H Divisions" – at the same time for almost five months; At the C.I.D. for about one and a half years and since February 1986 he has been stationed at the General Head Quarters in charge of the General Records Branch which is composed of the (a) Statistics Office; (b) Criminal Records Office; (c) Principal Citations Office, including Prosecution at the Evasion of Duty sitting & PAPB sittings; (d) Co-ordinator and Prosecutor at the Juvenile Court Sitting; (e) Civil Status Office; (f) Weapons Office, including Fire-Works Factories and Quarries licences; (g) National Identity Cards Office; (h) Price Control Section and (i) Laision Officer for the Implementation of a Computer System for the Police Department.

He has also dedicated his free time as member of the Officers Mess Committee for two consecutive years. He is the Chairman of the Welfare Committee and for the last three years as member and now Chairman of the Editorial Board of this Magazine – IL-PULIZIJA – which is the official organ of the Malta Police Force.

As laision officer in the implementation of a Computer System for the Police Force he has contributed a lot. Such a system is considered one of the largest on the Island and its implementation is in its advanced stage and it is expected that it will be in operation in the very near future.

## RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI MILL-PULIZIJA

**(Ikompli minn paġna 5)**

l-istess Pulizija tista' tkun f'pożizzjoni aħjar dwar għajnuna li tista' tiġi mis-soċjetà. Il-poplu jitgħallem aħjar kif għandu jikkomunika mal-Pulizija. Il-poplu jitgħallem jgħin aħjar lill-Pulizija fix-xogħol tagħha. Il-poplu wara kollox jitgħallem li meta jsir jaf b'xi ħaġa li tkun saret kontra l-liġi, huma jinfurmaw mill-ewwel lill-Pulizija għaliex wara kollox il-poplu jinduna li meta l-Pulizija jirnexxilha ssolvi każi kriminali u oħrajn bil-għajnuna tagħhom dawn ikunu qegħdin jgħinu lilhom infushom.

L-Ingliż jgħid "Vandalism and Crime – Suddenly it comes home to you". Dan għandu jkun il-messaġġ prinċipali lis-soċjetà minn din is-sezzjoni fi ħdan il-Pulizija.

## L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija (M.P.A.)

**Hija xewqa ta' l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti, li l-Awtorità tal-Pulizija tagħti attenzjoni lill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija u tikkunsidra l-pożizzjoni tat-tmexxija tagħha.**

**Kif inhi kostitwita l-M.P.A., bl-Awtorità tal-Pulizija hija parti ntegrali mill-istess Assoċjazzjoni ma tistax tressaq ilmenti la quddiem l-Official Side u aktar u aktar quddiem l-Awtorità Kompetenti jew il-Ministru tal-Pulizija.**

**Wieħed irid jikkunsidra li l-membri tal-Korp la jistgħu jipparteċipaw u lanqas ikunu membri ta' għaqdiet trejdunjonistiċi bħal impjegati oħra u per konsegwenza ma għandhomx min iressqilhom l-ilmenti tagħhom. Ir-Regulamenti li jifformaw il-Kostituzzjoni ta' l-M.P.A., huma limitati u mrażżna mill-Ordinanza tal-Pulizija ta' l-1961, li ġiet implimentata meta Malta kienet taħt stat ta' emerġenza u ma nbidlet qatt.**

**Għalhekk aħna tal-fehma li wara 25 sena din l-Ordinanza għandha ssir aktar liberali u ndipendenti u tingħata awtonomija sħiħa lill-M.P.A., biex barra li l-'welfare' ikun aktar protett, ikunu jistgħu jitressqu u jiġu diskussi mingħajr diffikultà l-ħtiġijiet tal-membri tagħha ma' l-Awtoritajiet konċernati.**

**LORRY MUSCAT,**

## Donation of Lm200 to PC V. Zammit

**•A TORRENTIAL rainstorm occurred on the night of 31st January, 1987 and as a result of which the residence of PC 818 V. Zammit at Żabbar was inundated with water causing loss of household items and furniture amounting to Lm800.**

**The Board of the Police Welfare Committee was asked to alliviate the hardship sustained by PC Zammit and after due consideration and examination of claim it was decided to assist in part towards the cost of replacing such household goods.**

**PC Zammit was donated the sum of Lm200 drawn out of the Police General Fund.**



# FIREARMS

By
P.S. 1315
E. SAMMUT
(BALLISTICS UNIT)

PART 6

### THE WEBLEY ·22 RF MARK VI 1918

In order to produce expenditure of expensive ·455 ammunition, and also to encourage shooting on simple indoor ranges, a·22 version of the Mark VI was made for training only. The cylinder and barrel were changed, but the remainder of the revolver was a standard Mark VI, thereby giving a realistic feel to the shooter. The cylinder was much shorter than the standard one, and the barrel was brought back into the frame to meet it; this leaves a large gap in front of the cylinder, which immediately identifies the model. A round ·22 barrel was fitted, and a raised foresight was needed to bring the blade into line with the backsight.

### POLICE AND CIVILIAN MODELS OF THE GOVERNMENT REVOLVER

Throughout the manufacture of the government models, there was a parallel production of civilian and police versions, although in ·38 calibre, and occasionally in ·32. All of these revolvers followed the same pattern as the larger military models, and they also enjoyed the same high reputation for reliability and resistance to rough handling. The following detailed descriptions are intended to highlight the features of each model.

### MARKS II AND III 1896-1897

The Mark II was described as a pocket revolver, though it would have needed a large pocket to take it. The barrel was 4 inches long and this combined with a six-chambered cylinder made a somewhat bulky handful. The butt was a shortened version of the rounded 'bird's head' with a hump behind the hammer to protect the web of the thumb at full cock. The cylinder released was the improved type introduced with the 1892 Model, as was the barrel latch, but the hammer spur had more of a curve to it than had the larger models. Some had lanyard loop, but this was not fitted to all, and it was omitted from the Mark III.

All Mark IIs and IIIs had the half-round cylinder flutes and chamfered ends to the cylinder, though there were no holster guides. Both versions were produced with conventional hammers and flat-faced hammers with strikers.

The Mark III abandoned the curved butt and had a short square-ended butt that possibly gave a better grip; in all other respects, it was unchanged from the Mark II, though some police models fitted a thumb safety catchon the right-hand side, which locked the hammer down.

### W.S. ARMY AND BISLEY TARGET REVOLVERS, 1904

In 1904 Webley and Scott introduced another target revolver which was marked on the barrel extension either 'W.S. Army Model' or 'W.S. Target Model'. Both were the same weapon and are usually known under the collective title of 'Bisley Target Revolvers'. They were ·455 calibre and very similar to the Government Mark VI, though they used parts from Mark IV, since the Mark VI was still some years away. Barrels were 4 inch, 6 inch or 7½ inch and the usual target sights were fitted.

### MARK IV, 1929

When the Government introduced the ·38 Enfield in 1927, the connection with the firm of Webley & Scott ended. Webleys then went into production with their own version of the Mark IV ·38, and it was on the market by 1929. This revolver was little different from the Enfield ·38, which in any case, was no more than an adaptation of the original Webley, so the family likeness was inevitable. It was produced in two barrel lengths, 4 inch and 5 inch, and was widely adopted by police forces. When the Second World War broke out, the War Office placed large orders for the



Webley ·32 Mk. 4



Webley ·455 Mk. 5



Webley ·455 Mk. 6



Webley ·38 Pocket Mk. 2

# FIREARMS

Webley, and it was issued alongside the Enfield, despite the fact that there were minor differences in dimensions which meant that not all spare parts were interchangeable.



**Webley ·32 Pocket Mk. 3 with Safety Catch**



**Webley ·455 W&S Army Model**



**Webley ·22 with Stepped Cylinder**



**Webley-Fosbery ·455 1901**

### MARK IV TARGET MODELS, 1929-1955

Target versions were made from the beginning of the series, the main differences being in the selection of the mechanism and the fitting of the sights. All target versions had a backsight with a later adjustment. Later, post-war, models have a 6 inch barrel.

### MARK IV ·22 TARGET MODEL, 1929-1955

A successful ·22 version was produced, which had the same sized cylinder and barrel as the full-bore. This permitted realistic practice shooting without the expenditure of expensive ammunition and it was popular with police forces. The balance is very good and the accuracy excellent. The barrel is 6 inches long, and the cylinder is chambered for the ·22 long rifle cartridge.

### MARK IV ·32 VERSIONS, 1929

The standard Mark IV was also produced in ·32 calibre, the outside dimensions of the weapon being unaltered.

### MARK IV POCKET MODELS

The Mark IV pocket models are little different from those of the Mark III, except that they have the slightly revised mechanism and a holster guide. This latter feature arises from the use of standard components, and it was obviously not worth the expense of removing it. All pocket models have 3 inch barrels and are chambered for ·38 or ·32. A small number have been made in ·22. These pocket models have the same small butt as the Mark III, with the word 'WEBLEY' inset across the top.

### THE WEBLEY-FOSBERY AUTOMATIC REVOLVERS

The introduction of the automatic pistol in the last years of the nineteenth century, caused considerable argument as to the relative merits of the revolver against the newcoming. Colonel Vincent Fosbery invented a type of automatic revolver which he claimed combined the virtues of both, and his idea was developed and marketed by the Webley & Scott Revolver & Arms Company Limited. The basis of Colonel Fosbery's invention was the use of the recoil and the cartridge to rotate the cylinder and re-cock the hammer. To do this, he devided the frame into two parts. The upper contained the barrel and cylinder, the lower, was the butt and trigger mechanism. The upper half recoil on a slide, on the top of the lower, and the cylinder was rotated by means of zig-zag groove cut round its outer surface which engaged with a stud on the fixed lower half. The hammer was knocked back in the movement of the cylinder.

Inevitably, the division of the frame made for a much larger revolver, and the Fosbery's are by no means pocket sized. They are also slightly heavier by about 6 ounces than their contemporaries in the same calibre. However they are all very pleasant to shoot since the majority of the recoil force is absorbed by springs, and the shooter's hand receives a gentler and slower push than with a fixed frame. For this reason, the Fosbery was popular with target shooters and after the First World War, when it was no longer an army issue, it was usually excluded from military competitions on the grounds that it gave the firer an unfair advantage.

Despite the many virtues of the Fosbery, it was never made in quantity. It was more expensive to manufacture, and far less resistant to dirt and dust than the Marks IV, V and VI which were contemporary with it. Once the side jammed the weapon was useless. Manufacture died out with the start of wartime contracts in late 1914 and early 1915.

### ·455 MODEL, 1901

The first production model used as many parts from the Mark IV as possible, and these include the 6 inch barrel and the sights, the hammer, main spring, and cylinder axis pin. Remaining parts had to be specially made. A safety catch on the left side of the frame locked the two moving parts and held the hammer, whatever position it was in. This catch is a feature of all the Fosberys, and was a necessary safety with such a weapon. It was put to the 'ON' position by a push down with the right thumb. The first version was an ugly hooked shape, but this was changed during development of the first series, and a short flat catch with a checkered top was substituted.

A target model with a 7½ inch barrel was introduced at the same time. and it was fitted with the

**•Continued on page 30**

# DRIVING UNDER THE INFLUENCE OF DRINK AND DRUGS

By
Dr FRANCO BONDIN LL.D.

PART 3

## CARBON MONOXIDE

This is a motoriously poisonous gas but is not, of course a drug. However, clinically, carbon monoxide poisoning cna closely resemble alcoholic intoxication. The gas may form up to 5-10% of car exhaust gases and may constitute a hazard in a closed car, coming either from a leaky exhaust system of the car itself or being sucked in by heater fan from the exhaust of cars infront in a stationary line of traffic. This reason is sometimes advanced as a cause of apparent intoxication in a driver. However, the presence of carbon monoxide can easily be determined in quite small amounts of blood specimen, provided they are taken within a fairly short time of exposure to the gas. (14) Carbon monoxide poisoning may therefore be a defence to a change of driving under the influence.

## INTOXICATING LIQOUR OR DRUGS

In England, when a 15(I) of Road Traffic Act 1930 was still in force, it was held that the provision created a single offence and not two offences of (a) driving under the influence of alcohol and (b) driving under the influence of a drug. (15) The essence of the offence was that the driver was in charge of a car when in a state of self-induced incapacity; whether the incapacity had been caused by drink or drugs did not affect the nature of the offence. The words 'under the influence of drink or drugs' were merely adjectival. The elements causative of the incapacity need not have been further identified of one or the other. Similarly the Supreme Court of Canada has held the essence of the offence was driving under a cèrtain condition there being two ways in which the condition might be brought about. The gravamen of the offence is the impairment of the driving and not the consumption of alcohol. (16) However, judicial notice may be taken of the fact that the effect of alcohol may be different from the effect of a drug and the effect of one drug may differ from another. Anti-convulsants (e.g. Epanutane) can produce side effects including gastro-intestinal upset and disturbance of speech, while anti-histamines e.g. Benadryl, Histofax) may produce drousiness and disturbed vision. (17) Thus it would be highly desirable for the prosecution to specify by what means the driver has been influenced in his driving conduct.

The social conditions under which alcohol and drugs may be taken by a driver differ. It is lawful to consume alcohol in a hotel a midst convivial company, it is not lawful to inject heroin furtively in a man's public lavatory. The effects and sümptoms of taking too much beer and taking marijuana are not identical. For the purpose of sentencing it is not a matter of indifference to the sentencing court whether the offender took alcohol or drugs or which particular drug. The means of rehabilitation or treatment may differ greatly. If the charge does not specify whether the driver was under the influence of a drug or of alcohol the sentencing court is deprived of an essential fact in determining a fair sentence. (18)

### Diabetic Drivers

It has been held that where the evidence shows that the driver is suffering from some mild form of diabetes, is in the habit of taking insulin for the complaint and in taking an excessive amount of insulin, which causes him mental confusion and lands him to drive erratically, even though no accident or damage has been caused, he commits the effence of driving with the influence of a drug (23). Similarly in England has been said that if people happen to be in a condition of health that renders them subject to going into a coma, the answer is that they must not drive because they are a danger to the public. (24) If a diabetic driver is liable to an attack which put him into a coma, it follows that a diabetic driver who takes insulin drives at his peril and if he drives so much under the influence of the drug as to be unfit to drive he breaks the law.(25)

Glanville Williams maintains that there are certain technical difficulties to hold that insulin is a drug.(26) Insulin is a substance that is present naturally in the normal body but the diabetic falls to manufacture it in sufficient quantities and therefore needs to have it supplemented from outside. He queries the fact whether such a substance could be termed a drug. A diabetic may sometimes faint not from hypoglycaemia (too little blood sugar) but from hyperglycaemia (too much blood sugar) when he has taken insufficient insulin or excessive sugar or starch. Sugar consumed in food cannot, by any stretch of the imagination, be considered a drug. For the diabetic too much sugar is as bad as too much insulin and it would be absurd to distinguish between the two substances on the ground that a normal person cannot easily take too much sugar on a simple occasion, but equally absurd to hold that sugar is a drug. Moreover hypoglycaemia can be caused in a diabetic by extra exertion, worry or exasperation. It is true that less insulin would counteract the condition; but when the diabetic has taken his normal dose of insulin and trouble occurs because of extra exertion, it seems wrong to blame the insulin.

**TO BE CONTINUED**




**From Malta you can dial direct to GREECE (Code No: 030); FRANCE (Code No: 033); ITALY (Code No: 039); HOLLAND (Code No: 031); BELGIUM (Code No: 032); SWITZERLAND (Code No: 041); U.K. (Code No: 044); and WEST GERMANY (Code No: 049).**

(*) To save 25% you can phone from Mondays to Saturdays from 9.00 p.m. to 8.00 a.m. Sundays ALL DAY

**telemalta corporation**

TELEMALTA OFFICES AT PACEVILLE ARE OPENED 24 HOURS A DAY FOR TELEXES - TELEGRAMS - OVERSEAS CALLS

# Chubb

**total security systems**




- **Safes and Cabinets**
- **Burglar Alarms**
- **Fire and Gas Protection**
- **Electronic Systems**

Racall-Chubb Security Systems Ltd.
*Representatives for Malta and Libya:*

**PHILIP TOLEDO LIMITED** Notabile Road, Mriehel.
Tel: 444747, 445566, 231312, 491525.






Sole Importers: CAPT. A. CARUANA LTD. VALLETTA. TEL.: 626202-625903

# IL-PULIZIJA U L-EŻERĊIZZI FIŻIĊI

**•KIF aħna ħbieb? Jiddispjaċini li fil-ħarġa li għaddiet ma ppubblikajniex l-edizzjoni li kien imiss. Però din id-darba ħejjejtilkom sensiela mhux ħażin u li wieħed ma għandux għalfejn jiddejjaq. Naħseb li bħali kontu mpenjati b'aktar xogħol u siegħat twal minħabba l-kampanja elettorali, li bħala membri tal-Korp tal-Pulizija jkollna aktar xogħol x'inwettqu. Iżda dan huwa xogħolna li jiġi qabel kollox. Minħabba f'hekk, bħali naħseb li wieħed qgħad xi ftit lura mit-taħriġ fiżiku tas-soltu. Però ejjew ma nħarsux iżjed lura u nibqgħu għaddejjin bil-programm tas-soltu b'xi ħaġa ġdida wkoll.**

## MILL-ISPETTUR RAYMOND ZAMMIT

Mela biex wieħed jibda, tajjeb li jirrepeti l-eżerċizzi kollha li għaddejna sa issa biex ikun jaf eżatt fejn qiegħed. Min-naħa l-oħra wieħed irid iżomm quddiem għajnejh u joqgħod attent li ma jagħmilx sforz iżżejjed. Għalhekk wieħed irid jagħmel l-eżerċizzi bil-mod tajjeb u kif spjegati.

Peress li issa bdiet is-sħana, ċert li hawn min jaqta' qalbu jittrenja, u jippreferi li joqgħod x'imkien għal frisk u jistrieħ. Wieħed irid jifimha li dawn ma' humiex eżerċizzi tax-xitwa biss, u jekk wieħed jgħaraq aktar missoltu ma jkun ġara xejn. Issa nkunu irġiel. Peress li s-sħana għada fl-aħjar tagħha, hemm ittendenza li kull meta nagħmlu xi wieħed mill-eżerċizzi nagħmluh ħażin jew ta' kafkaf biex taparsi nkunu għamilnih. Le, aħjar nagħmlu żewġ eżerċizzi u tajbin milli ħafna u ħżiena.

1) Mela niġu għall-ewwel eżerċizzju ġdid. Sintendi dan nippruvawh wara li tagħmlu xi ħaġa mill-oħrajn ukoll.



A.A.

**Neck Rotation:** Hekk insibuh dan l-eżerċizzju. Kull ma wieħed irid jagħmel huwa li joqgħod dritt sewwa u bil-mod ibda dawwar rasek lejn il-lemin sakemm tista', wara lejn ix-xellug kemm tista'. Oqgħod attent li meta ddur ma' ddawarx is-sider, Wara bl-istess pożizzjoni mejjel rasek l-isfel kemm tista', wara tella rasek kemm tista'. Għal darb'oħra wieħed ma' jridx li jintlewa mill-qadd. Irrepetu għal lanqas ħames darbiet. Hemm iċ-ċans li f'dan l-eżerċizzju wieħed jistordi xi ftit, peress ma jkunx għamel dan l-eżerċizzju qabel. Dan l-eżerċizzju tajjeb ħafna għall-għonq. **Fig A.A.**



B.B.

2) It-tieni eżerċizzju għal din l-edizzjoni insibuh bħala **'WALL PUSH UP'**. Dan l-eżerċizzju huwa s-sigriet li Richard Dubois, darba Mr. America kien jinkoraġġixxi biex wieħed jifforma dirgħajn sbieħ u b'saħħithom. Kull ma wieħed irid jagħmel huwa li joqgħod dritt mal-ħajt kif muri **Fig B.B.** Ressaq saqajk lura sakemm il-piż ta' ġismek jiġi kollu fuq dirgħajk. Issa pressa l-piż ta' ġismek kollu 'l bogħod mill-ħajt, u jirnexxilek tagħmel dan billi tistira riġlejk u tidritthom sewwa. Immedjatament wara erġa' għal pożizzjoni li tkun. Irrepeti dan l-eżerċizzju għal tliet darbiet u pprova għamel (reps) kemm tiflaħ biss mingħajr sfurzar żejjed. F'dan l-eżerċizzju tistrieħx aktar minn (30 sec.) bejn set u ieħor. Wara ftit li tkunu għamiltu ftit minn dawn l-eżerċizzji, wieħed ikun jista' jinnota moviment fil-muskoli ta' l-idejn. Tinsewx ħbieb, kulu sewwa, ixorbu ftit ħalib u żgur li tiksbu r-riżultati mixtieqa.



C.C.



C.C.

3) It-tielet eżerċizzju huwa dak li nsibuh bħala **'CHAIR TRICEPS PUSHUP'**. Kull ma wieħed għandu bżonn għal dan l-eżerċizzju huwa siġġu wieħed. Ma ninsewx ħbieb, bħal ma diġà għedna drabi oħra, qisu li s-siġġu li tagħażlu jkun sod. Oqgħodu fil-pożizzjoni murija **Fig C.C.** L-idejn iridu jkunu bejn wieħed u ieħor (20 cm) imbegħdin minn xulxin. Li jmiss huwa li wieħed irid iżomm il-minkbejn kemm jista' jkun il-ġewwa mal-qadd u bil-mod il-mod ibdew neżlin 'l isfel b'ritmu sod sakemm is-sider imiss il-pali ta' l-idejn jew aħjar dahar is-siġġu wżat. Irrepetu dan għal darbtejn b'għaxar (reps) kull darba.

# IL-PULIZIJA U L-EŻERĊIZZI FIŻIĊI


D.D.

4) Eżerċizzju ieħor gnal dın ıd-darba huwa dan li ġej u li nsibuh bħala **'WINDMILL TOE TOUCHING'** li jidher **Fig D.D.** Dan huwa eżerċizzju ħafif ħafna, però wieħed irid jagħmlu tajjeb biex jakkwista dak kollu tajjeb minnu. Li wieħed irid jagħmel huwa li jpoġġi l-parti ta' ġismu 'l fuq, voldieri mill-qadd 'il fuq parallel ma' l-art, dirgħajn stirati, saqajn impoġġija bejn wieħed u ieħor (40cm) 'il bogħod minn xulxın. Issa kull ma trid tagħmel ipprova miss is-siba l-kbir ta' kull sieq bil-pala ta' l-id, mentri bl-id l-oħra tkun 'il fuq. Biex tmiss is-sieq l-oħra sintendi ddawwar l-idejn. Ma' ninsewx is-saqajn iridu jibqgħu dritti kemm jista' jkun. Għamel dan l-eżerċizzju għal xi minuta jew qrib jew sakemm tħossok qiegħed tgħejja. Set wieħed min dawn ikun biżżejjed.


E.E.

5) L-eżerċizzju li jmiss insejħulu **JACKNIFE DIP.** Dan l-eżerċizzju huwa ieħor min sensiela ta' push ups. Kull ma trid tagħmel huwa, poġġi kif jidher **Fig E.E.** Kun ċert li l-warrani qiegħed 'il fuq kemm tista'. Meta tkun hekk, ikkonċentra ħafna fuq ir-ras li ħa tipprova tmissa ma' l-art u dan tkunu tistgħu tagħmluh billi tilwu d-dirgħajn Konċentrament ukoll fuq id-dirgħajn irid ikun aktar milli fuq is-sider. Meta tagħmel hekk, ipprova li l-'Jacknife position' iżżomm tajjeb. Minn dawn għamlu tliet sets ta' għaxar sets kull darba.


F.F.


G.G.

6) **ONE ARM PUSHUP** huwa l-eżerċizzju l-ieħor li sejjer ngħaddilkom biex tippruvaw. Agħtu titwila lejn **Fig. F.F.** Poġġi id waħda bil-pala miftuħa tħares dritt il-barra. L-id l-oħra trid tkun wara d-dahar, sakemm tħossok qiegħed tgħejja u n-nifs beda jnaqqas. Strieħ ftit (2 min) u erġa' pprova.

Biex wieħed jgħinkom tħejju għal dan l-eżerċizzju, tajjeb li wieħed iħares lejn l-eżerċiżżju li jidher **Fig G.G.** Dan nagħmluh billi npoġġu saqajna ma' xulxin, idejna waħda fuq l-oħra b'ta fuq taqbad il-polz ta' l-id ta' taħt, noqgħodu dritti kemm jista' jkun u nitilgħu u ninżlu. Ma' ninsewx meta nkunu isfel inħarsu 'l quddiem.


H.H.


H.H.

7) L-aħħar eżerċizzju għal din id-darba huwa dak li nsibuh bħala **'WIDE GRIP CHAIR PUSHUP'.** Dan l-eżerċizzju jgħin ħafna biex niżviluppaw aktar 'il biċċa ta' fuq tas-sider.

Kull ma' wieħed għandu bżonn din id-darba huma żewġ siġġijiet: l-ewwel

a) Poġġu is-siġġijiet wiċċ ma' wiċċ imbegħdin bejn wieħed u ieħor (65cm);

b) Poġġu jdejkom fuq is-siġġijiet bil-pali jħarsu 'l quddiem;

c) Inżlu billi tagħwġu jdejkom sakemm is-sider ma' jkunx jista' jinżel iżjed;

d) Wara erġgħu itilgħu għal pożizzjoni li kontu bil-mod biex la nieħdu skossi u lanqas inweġġgħu. Għamlu dan għal tliet darbiet wara xulxin u għamlu mill-inqas tmien sets. Ħarsu lejn **Fig H.H.**

Mela dawk kienu l-eżerċizzji ġodda li għaddejnilkom f'din l-edizzjoni. Tinsewx ħbieb, ittrenjaw tajjeb u kulu tajjeb.

Issa sejrin nagħddu għal xi ħaġa oħra li wieħed jista' jistaqsi

## IL-PULIZIJA U L-EŻERĊIZZI FIŻIĊI

u forsi ma jsibx risposta kif jixtieq. Niltaqa' ma' ħafna ħbieb speċjalment ta' età mezzana li jistaqsuni kif sejjer jirnexxilna inneħħu l-piż żejjed. Nibdew mela għal dawk li għandhom din il-problema.

1) Kull min huwa normali u fiżikament b'saħtu jista' jitlef il-ħxuna jew piż żejjed.

2) Ovvjament biex figura titlef il-piż huwa billi tkun qegħda tiġi mitmugħa inqas mis-soltu.

3) Billi wieħed jagħmel daqsxejn ta' sagrifiċċju u jibda jinteressa ruħu f'xi eżerċizzju ħalli b'hekk dejjem inkunu qegħdin insaħħu l-muskoli. Issa, jekk wieħed ikun 'overweight' l-ewwel ma' għandu jagħmel hu li jara anke permezz ta' Tabib u jara kemm il-libra jrid jew aħjar jenħtieġ li jnaqqas. Kultant issib nies li jkollhom dik id-daqsxejn ta nefħa mad-dawra tal-qadd u l-istess dawn għal raġuni jew oħra jaqtgħu qalbhom biex inneħħuha. F'kelma waħda trid tiddeċiedi x'sejjer tagħmel u jekk tasalx. Biss min-naħa l-oħra, jien ngħidilkom li ma' hemmx fhiex wieħed għandu jaqta' qalbu. Li trid tkun żgur huwa li ma tkunx sodisfatt jekk ma tneħħix sa' lanqas libra żejda minn fuqek. Jekk wieħed ikun oħxon iżżejjed u jkollu bżonn ta' xi dietà jien nirrakkomanda li qabel jibda xi taħriġ fiżiku jikkonsulta mat-Tabib tiegħu u jgħidlu bil-pjan li jkun sejjer iwettaq.

Mela meta wieħed jiġi biex jibda, l-ewwel ħaġa li għandu jagħmel huwa li jintiżen sewwa, u jżomm il-ġurnata u l-piż eżatti. Dan jiswiegħ 'l quddiem Permezz ta' Diary niżżel sewwa u eżatt xi tkun kilt mal-ġurnata. Hawnhekk tidħaqx bik innifsek – għalkemm kultant b'dak li tkun niżżilt tibqa' skantat u tkun xi ħaġa tad-daħk. Niżżel kollox, tè, kafè, zokkor, cake, ħelu u dak kollu li jirnexxilek titfa' ġewwa l-istonku tiegħek mal-ġurnata min fil-għodu sa fil-għaxija sakemm tiġi biex torqod. Wara li tkun għamilt dan naturalment – pprova aqta' dawk l-affarijiet l-aktar li jħaxxnu. Eżempju ta' dan l-ewwel ġimgħa tista' tnaqqas iz-zokkor kollu min mat-tè jew kafè. Żgur li permezz ta' dan tkun neħħejt xi ftit tal-piż.

Il-ġimgħa ta' wara pprova tiekolx patata, ħaġa li hawn Malta ta kuljum insibuha fuq il-mejda ma' kwalunkwe ikel. Tiekol xejn minna. Il-ġimgħa ta' wara kemm jista' jkun illimita fil-ħobż. Naqqas kemm tista'. Tnaqqis għandu jkun ukoll fil-birer, gallettini, għaġin. Issa speċjalment li qegħdin fix-xhur tas-Sajf, il-ġelati u affarijiet oħra simili. Pprova kul minflok dawn l-affarijiet li qtajt, ħxejjex u frott frisk. M'għandniex xi ngħidu li taqta' kollox f'daqqa huwa impossibbli, però wieħed għandu jżomm f'moħħu kemm wara sejjer jiswielu. B'dan il-mod, voldieri tnaqqis ta' ċertu ikel u ftit eżerċizzi fiżiċi jgħinuk ikollok muskoli aħjar, nifs u enerġija aħjar u mingħajr tbatija u ċert li tkun tidher aħjar f'dik li hija persuna.

Biex jirnexxilek tagħmel dan toqgħodx taqta' qalbek jew inkella tagħti widen għal xi ħadd li jista' jaqtgħalek qalbek, iżda iffaċja din il-ġlieda personali b'ambizzjoni u insa il-passat. F'moħħok żomm li xi darba sejjer tkun dak li dejjem xtaqt li tkun u tidher.

Min ġimgħa għal ġimgħa oqgħod attent għal progress li tkun qiegħed tagħmel u erġa' intiżen u rabbi kuraġġ iżjed. Mhux sempliċi, però m'hemm xejn ġdid. Ara ma jkunx hemm xi ħadd u jaħseb li rrid nagħmel il-mirakli jew l-impossibbli miegħu, iżda wieħed irid iddaħal f'moħħu li dan huwa sempliċement inkoraġġiment u min-naħa tagħkom dan hu naqra kuraġġ u sagrifiċċju.

Meta jirnexxilkom tagħmlu dan u taraw li qegħdin ikollkom aktar nifs pprovaw xi eżerċizzju min dawn li għaddejnilkom. Għal dawk li tkelliemna fuqhom u li għandhom ħxuna żejda, dawn li ġejjin huma xi ftit ta' 'Tips' x'wieħed għandu jagħmel:

1) Torqodx żejjed – tmien siegħat huma ftit iżjed minn biżżejjed.

2) Tintelaqx, speċjalment wara l-ikel. Mixja żgħira tagħmel tajjeb.

3) Imxi regolarment u pass daqsxejn mgħaġġel.

4) Toqgħodx tinkwieta jekk qiegħed tnaqqas mill-ikel biex tneħħi l-ħxuna żejda, jibda jkollok xi tgergir fl-istonku.

5) Kun onest fl-ikel. Tgħidx ħa nżid ftit u nnaqsu l-għada.

6) Ipprova imxi mal-programm – ġurnata b'ġurnata.

7) Tistenniex mirakli kbar mill-ewwel.

8) Tistenniex li sejjer tonqos kull ġimgħa. Tnaqqis jibda jkun ħafna iżjed differenti u inqas kull ġimgħa.

9) Kul bil-mod – jekk ma' tafx tagħmel dan qatta l-ikel biċċiet żgħar.

10) Ipprepara ruħek għax jaf ikollok xi daqsxejn ta' dipressjoni. F'każ li jkun hekk dan jgħaddi malajr.

Kuraġġ ħbieb. Ktibt daqsxejn fit-tul biex inlaħqu mal-programm u biex min-naħa tagħkom ma tieqfux.

## Well and Bravely Done, S.M.U.

**From Commander to General,**

**I would like to commend the gallant brave action of S.M.U. members constables P.C. 1010 Emmanuel Vassallo and P.C. 995 Stephen Falzon, who on Sunday 16th August 1987, while returning to Malta after a strenous day of duty at Gozo on board the M.V. Melitaland at night, jumped into the sea at Cirkewwa to save the life of Joseph Sammut, aged 25 of Qormi, who fell overboard and was about to be crushed between the ship and the quay.**

**They disregarded the present danger of loss of their lives and limbs to save another human being. In their courageous endeavour they were ably assisted by all the other members of S.M.U. who formed a human chain to rescue the unfortunate man.**

**Once more, S.M.U. have proved themselves the elite of the Corps.**

# DEFAMATORY LIBEL AND THE PLEA OF "FAIR COMMENT"

By
*The Hon. Mr. Justice JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D.,*

*Part 2*

If the truth of the matters is substiantially proved, the defendant is not liable to punishment if the court is satisfied that the proof of the truth has been for the public benefit.

To what extent and in what way does the plea of justification differ from that of "fair comment"? A clear distinction was put forward by W. Valentine Ball (5) who held that, "a defendant who pleads fair comment ... is entitled and bound to prove the truth of the facts on which his comment is based, even if such facts in themselves convey inferences defamatory of the plaintiff. But where the libel itself contains defamatory allegations of facts as well as comments, a plea of fair comment alone will not protect such allegations; the defendant will be entitled to prove the facts as the basis of his comments, but he will have no defence so far as the allegations of facts are in the themselves defamatory, unless he has also pleaded justification in the strict sense, or some other defence, such as "privilege". What is the position under Maltese law? This point was analysed in re: **Prof. Dr. V. Griffiths et. vs. G. Micallef et.** decided by the Court of Criminal Appeal on the 30th March 1978 per F. Mizzi, J. The position was stated as follows:

"Fis-sistema legali Ingliż – salva f'kull każ il-ħtieġa li tiġi pruvata l-verità tal-fatti disputati – mhux dejjem jeħtieġ li d-difiża tal-'fair comment' tingħata unikament ma' dik tal-'justification'...

"Fl-ambitu tal-liġi tagħna, invece, l-artikolu 12 tal-Att dwar l-Istampa jiddisponi bl-aktar mod kategoriku u mingħajr ebda distinzjoni ta' xejn li l-prova tal-verità tal-fatti attribwiti **f'kull** kawża ta' libell minħabba malafama hija amessa **biss** fil-każi hemmhekk tassativament indikati u jekk l-akkużat, fl-istadju preliminari tal-kawża, jassumi l-piena responsabilità ta' malafama lilu imputata u jiddikjara, b'difiża tiegħu, li jrid jipprova l-verità ta' dawk il-fatti. Konsegwentement, fis-sistema patriju, id-difiża tal-'fair comment', in kwantu timplika n-neċessità li tiġi ppruvata l-verità tal-fatti kontestati, mhix konċepibbli, bla ma jiġi traxendat is-sinjifikat manifest tal-liġi, jekk mhux konġuntament ma' dik tal-verità tal-konviċju, li permezz tagħha **biss,** meta tkun sollevabbli, jista' jinfetaħ l-aditu għar-riċerka ta' dik il-verità...".

This judgement seems to narrow appreciably the basic differences between the two pleas as far as Maltese law is concerned. A solution to this apparent anomaly lies in an analysis of the alleged defamatory statement. If the statement is based on allegations of facts, then it is obvious that the plea to the raised must necessarily be that of justification. If, on the other hand, the libel proceedings are concerned only with comments, then the plea of fair comment can be raised. This line of teaching emerges from a number of judgements delievered by our courts. In are: **Il-Pulizija vs Nestu Laiviera,** Court of Appeal per W. Harding, J. (Koll. XXVII-IV-1968) it was held that,

"Huwa essenzjali, qabel xejn, li jiġi determinat jekk l-espressjonijiet ... kienux kummenti jew allegazzjonijiet ta' fatt: għax jekk huma allegazzjonijiet ta' fatt, allura ma hemmx kwistjoni tad-difiża tal-'fair-comment', għarraġuni li għal 'statement of fact' id-difiża hi dik tal-verità jew ta' 'privilege'."

In the judgement above qouted, the learned judge then very succincty touched upon the question of what amounts to a fair comment, stating that,

"It-'test of fairness', kif wieħed jista' jara minn eżami tad-dottrina u l-ġurisprudenza Ingliża in materja, hu jekk dawk l-espressjonijiet humiex 'a reasonable inference from the facts' li kien jagħmel 'a fair-minded man'. Minn jiġġudika ma hemmx bżonn li jaqbel ma' dak il-komment; jista' ma jaqbilx, imma jeħtieġ li l-komment ikun tali li bniedem 'with a fair mind' jista' jagħmlu (ara **inter alia,** Button, **Libel and Slander,** 2nd edition, p. 94). Is-sempliċi esaġerazzjoni, anke jekk kbira ('gross'), ma tneħħix, għalhekk biss, id-difiża tal-'fair comment' (ara **Merivale v. Carson** per Lord Esher, 1887, 20 Q.B.D. 275. p. 280). Esaġerat jew le, però, malli l-'comment' jissorpassa l-limiti ta' 'fair criticism', allura l-kliem isiru libellużi (ara **Campbell v. Spottiswords,** 1863, 32 L.J., Q.B. 185, per Mellor J.).

In re: **D. Mintoff vs. T. Hedley et noe.** decided by the same court on the 28th November, 1953, reference was made to a foreign judgement, namely **Joynt v Cycle Trade Publishing Co.** (1904), 2, K.B., 292, p. 262, per Kennedy J., wherein it was held that, the comment must be such that a fair mind would use under the circumstances, and it must not mistate facts, because a comment cannot be fair which is built on facts which are not truly stated.

**(To be continued)**

**SOURCES OF REFERENCE:**

*5. vide judgement delivered by C.J.P. (Criminal Court) delivered on 24.8.82.*

# PEUGEOT TALBOT



## PEUGOET 205 SALOON

• 11 models to choose from • 7 models, 5 doors – Petrol and Diesel • 4 models, 3 doors – Petrol and Diesel • Four petrol engines – 954cc – 1124cc – 1360cc and 1580cc • Diesel engine 1769cc • 4 speed synchromesh gearbox on XE & XL, GE & GL models • 5 speed synchromesh gearbox on XLD, XR, GLD, GR, GRD, GT and GT1 models available • eletronics ignitions on petrol engined models • Very low fuel consumption on all models.

## TALBOT HORIZON LS



• 1294cc petrol engine
• 5-speed synchromesh gearbox
• Push button radio
• Available from stock
• Very economical



## PEUGEOT 305 SALOON

• 7 models to choose from • All models – four door saloons • three petrol engines – 1290cc – 1580cc – 1905cc • Diesel engine 1769cc • 4-speed synchromesh gearbox on GR 1290cc and automatic • 5-speed synchromesh gearbox on GR 1600cc, Sr, GT, GTX, GLD and SRD models • Eletronic ignition on petrol engined models • Estate models also available.

## PEUGEOT 505

• Luxurious and elegant • 6 Saloon models • Estate models



• Choice of 1971cc petrol engines and 2498cc diesel and turbo charged diesel engines.
• Soon available from stock.

PEUGEOT TALBOT

CONCESSIONAIRES

**MICHAEL ATTARD LTD.**
**NATIONAL ROAD, BLATA L-BAJDA, MALTA**
**TEL: 228854 – 221951**

*Gozo Sub-Agents:* **MESSRS. PARDI MOTORS LTD.**
REPUBLIC STREET, VICTORIA, GOZO – TEL: 556678



Saer
WATER PUMPS



STUART
PUMPS



CET
WOODWORKING MACHINES



MEBER
BAND-SAWS



MiniMax
The complete and compact woodworking machine



**V. Demajo Bros.**
Electrical and Mechanical Division
8/9 Valletta Road, Paola. Tel: 234502




Exclusive representatives **WANDS** Limited — A **FARSONS** Subsidiary. Tel: 232121




B&M (Supplies) LIMITED

99 National Road, Blata L-Bajda Tel: 234405, 623485
118A Paola Hill, Paola. Tel: 804258, 805035
18 Constitution Street, Mosta Tel: 495889

# Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti



IS-SUR SALV FAVA

## INTERVISTA MA' EX-P.S. 268

# Saviour Fava

**Fl-4 ta' Awissu, 1987, l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti kompliet bis-solitu intervisti ma' wħud mill-Membri Anzjani tagħha, u din id-darba marru fid-dar tal-Ex-Surġent tal-Pulizija Nru. 268 Salvu Fava, f'Rinella Street, il-Kalkara, li llum għandu 78 sena, u hemmhekk il-Membru tagħna rrakkonta xi ftit mill-esperjenzi tiegħu meta kien iservi fil-Korp tal-Pulizija, x'kontribut ta lis-Servizz u semma wkoll ċerti attivitajiet straordinarji li ħa sehem fihom huwa.**

Is-Surġent Fava beda biex qal li huwa ilu madwar 30 sena irtirat. Qabel ma daħal fil-Korp tal-Pulizija huwa kien impjegat ma' zijuh, is-Sur Gauci Borda li kellu ħanut fil-Kalkara; meta għalaq it-18 il-sena, fl-1930, Salvu ġietu xewqa li jidħol bħala Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija. F'dak iż-żmien li ngaġġa fis-Servizz, il-Kummissarju kien is-Sur Salvu Galea.

*Domanda: "Fejn servejt fil-bidu tal-karriera tiegħek fil-Korp?"*

Salvu Fava: "Niftakar li għall-bidu kienu bagħtuni għassa ma' ċertu priġunier Bajada li kien pazjent fl-Isptar Ċentrali, il-Furjana."

*Domanda: "Id-Depot fejn kien dik il-ħabta, kontu tagħmlu xi kors?"*

Tweġiba: "Id-Depot kien in-naħa t'isfel fi Triq Merkanti, il-Belt, ħdejn il-Kamerata, illum il-bini taċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Kungressi. Kif dħalt, flimkien ma' Pulizija oħra, konna nagħmlu "Physical Training" u drill, kien ikollna l-"lectures" fuq diversi suġġetti, liġijiet u regolamenti li jappartienu l-Korp, u kienu anke joħorġuna nagħmlu għassa fuq il-"Beats" tal-Belt. Konna noħorġu nimmarċjaw wara l-"fall-in" madwar għoxrin Kuntistabbli f'daqqa u konna nimpostjaw ruħna fil-kantunieri tat-triqat prinċipali tal-Belt "fixed point duty".

*Domanda: "Fejn ġejt trasferit wara l-Belt?"*

Tweġiba: "Mill-Belt, mort il-Furjana, u kif semmejt ftit qabel, għamilt xi żmien għassa ma' Bajada tal-Ħamrun, li kien akkużat bl-omiċidju ta' martu; kont jien flimkien ma' ex-P.C. 478 Ġużeppi Maria Pace. Spettur il-Furjana dik il-ħabta kien is-Sur Frank E. Tonna Barthet".

*Domanda: "Kellek xi ħaġa partikolari li tiftakar li għaddejt minna int?"*

Tweġiba: "Ftit taż-żmien wara li kont il-Furjana, jiena ġejt trasferit għas-C.I.D., u għal ħabta tat-Tieni Gwerra Dinjija, kont sekondat mad-Defence Security Office, li kienet tifforma parti speċjali tas-Servizz Ingliż ġewwa Malta. Waħda mill-missjonijiet li kont involut fiha, kienet bla dubju ta' xejn iż-żjara f'Malta tal-Prim Ministru Ingliż, Sir Winston Churchill. Kont



*Ex P.S. Fava jiskorta lil Sir Winston waqt li kien ħiereġ mid-Dockyard Main Gate, Senglea huwa u sejjer għall-Konferenza ta' Yalta. – 1943.*

**Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti**

# APPELL
## Għall-attenzjoni tal-Pulizija Pensjonanti u tal-Membri tal-Korp

**•Il-Kummissjoni Morda qed tressaq dan l-appell għall-ġenerosità tagħkom biex tingħata l-għajnuna lil wieħed mill-pensjonanti tal-pulizija, li fi ftit ġimgħat oħra sejjer jagħmel operazzjoni skabruża f'għajnejh peress li qed jitlef id-dawl.**

**Aħna nħeġġu biex titqajjem kuxjenza fostna li f'każijiet bħal dawn għandna nkunu ġenerużi u noffru skond il-possibiltajiet tagħna.**

**Kull offerta li tingħata hija apprezzata. Kull donazzjoni għandha tintbagħat fil-Police Library, Police HQs, Floriana.**

**KUMMISSJONI MORDA**

# INTERVISTA MA' EX-P.S. 268 SAVIOUR FAVA

dettaljat mid-Defence Security Officer biex nieħu ħsieb il-Prim Ministru Ingliż waqt żjara li għamel fit-Tarzna ta' l-Ammiraljat u sabiex nara li ma jinqala' ebda inċident. Kollox mexa ħarir, u l-ħaddiema kollha laqgħu lil Churchill b'entużjażmu kbir." L-ex-Surġent Fava kellu l-okkażjoni li jippreżenta ritratt fejn juri fost l-oħrajn lil Sir Winston Churchill, l-Ammiral McKenzie u Uffiċjali Għolja tas-Servizz Ingliż, segwiti minnu (Ritratt f'paġna 15)

Apparti ż-żjara ta' Churchill, is-Sur Salvu Fava qal li kellu l-istess biċċa xogħol meta l-President ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, Franklin Roosevelt ġie Malta abbord "Cruiser" Amerikana, li sorġiet Parlatorio Wharf, u flimkien mad-Defence Security Officer, marru sabiex jilqgħu lill-President. Ikompli jgħid l-ex-Surġent Fava: "Il-President Roosevelt kellu 'gangway' speċjali biex ikun jista' jinżel bil-karozza minn fuq il-bastiment; peress li d-Defence Security Officer kellu l-uniformi tas-Servizz huwa tħalla jitla' abbord mingħajr tfixkil iżda jiena kont pajżan u bla ma naf kif, sibt ruħi fi "crash" ma' wħud mill-ħaddiema tat-tarzna f'dawk l-inħawi, meta xi nofs tużżana rġiel qishom manigoldi niżlu minn fuq il-"Cruiser", u li wara sirt naf li kienu tal-F.B.I., mexxewna tul Canteen Wharf sa ħdejn il-mina, jidhirli li hija Corradino Tunnel, u ma ħallew lil ħadd jersaq viċin il-bastiment. Ftit tal-ħin wara, jiena rajt lid-D.S.O. jagħmilli sinjal biex nersaq 'il quddiem u ħallewni nitla' fuq il-"Cruiser". Dan kien meta l-mexxejja ta' l-Erba' Pajjiżi Kbar, cioè l-Ingilterra, l-Amerika, Franza u r-Russja, kienu sejrin jiltaqgħu għall-Konferenza ta' Yalta".

*Domanda: "Tista' tgħidilna xi ħaġa oħra ta' importanza li ġrat fi żmien il-gwerra, jiġifieri fit-Tieni Gwerra Dinjija?"*

Tweġiba: "Jiena irrid insemmi fatt li kont involut fih direttament jiena stess. Dan mhux smajtu jew qrajtu, anzi nibża' li qatt ma għadu nkiteb fuqu minn xi ħadd; kien hemm żmien meta l-Isla kienet totalment imblukkata bil-ġebel tas-swar u bini mwaqqa', u ma kontx tista' tidħol jew toħroġ mill-Mina ewlenija għal Bormla. Dik il-ħabta, l-Arċipriet Brincat stqarr li n-nies li kienu baqgħu fl-Air Raid Shelters, taħt il-blat fil-qalba ta' l-Isla, kienu verament se jmutu bil-ġuħ kaġun ta' nuqqas ta' provvisti essenzjali ta' l-ikel. Bħala Protection Officer tad-Distrett kien hemm it-Tabib Pawlu Boffa li ried jevakwa lill-kumplament tar-residenti li baqgħu f'dik il-Belt. Jiena kont wieħed li meta fehemtu u tajtu raġunijiet sodisfaċenti biex dawk il-ftit mijiet ta' Sengleani jitħallew jagħżlu huma fejn joqogħdu, it-Tabib Boffa ħadni quddiem Mr Cohen li kellu l-Uffiċċju tiegħu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Fleur-de-Lys, u wara li spjegajtlu kollox ġejt fdat biex is-sitwazzjoni prekarja tan-nies ta' l-Isla f'dawk il-jiem ta' l-Assedju fl-eqqel tal-gwerra, neħodha f'idejja. Jiena hawn tlabt provvista ta' zokkor, u ħobż għal dawn il-ftit nies. Dawn l-oġġetti kont inġibhom l-Isla minn naħa tad-Dwana permezz tad-dgħajjes, u l-barklori kont inħallashom jiena wkoll, lira għal kull vjaġġ li jagħmlu. L-anzjani ta' l-Isla jiftakru dan meta, min seta' jħallas, kien jixħet fil-kaxxa 3d (1ċ3) ta' ħobża. Jiena wkoll ħadt ħsieb it-tqassim tar-Ration għar-rigward ta' l-Isla u dan apparti ix-xogħol tiegħi bħala Acting Sergeant".

*Domanda: "Kont involut f'xi ħaġa oħra, minbarra dik ta' l-Isla"?*

Tweġiba: "Iva. Kien il-każ ta' Sedizzjoni meta f'Malta bdiet tit-qassam ċertu letteratura minn xi nies mhux magħrufa, li l-Gvern Ingliż kien qed iqisha sedizzjuża. Kienu anke ġew xi pulizija minn Scotland Yard (Special Branch) biex jinvestigaw l-affari u niftakar li d-Defence Security Officer kien bagħat għalija, meta kont għadni "attached" miegħu, u wrieni xi ittri kollha propaganda kontra l-Ingilterra, u qalli li l-Pulizija u s-C.I.D. ta' Malta kienu nfurmati wkoll, b'dak li kien qed jiġri. Bħala referenza tani waħda minn dawn l-ittri li kienu qed jirċievu diversi nies. Intant, għadda ftit taż-żmien u darba nzertajt kont għand wieħed li kien impjegat ma' stamperija u li kien joqgħod Ħaż-Żabbar, u fuq l-iskrivanija tiegħu osservajt karti u envelopsijiet li kienu jixbhu ferm dawk l-ittri li kien urieni d-D.S.O. Bil-moħbi ġbart wieħed minn dawn l-envelopes li kellu l-kaligrafija taqbel ħafna ma' dik li kelli jiena, u immedjatament infurmajt lid-D.S.O. Aktar tard, uffiċjali għolja militari ġewwa Kastilja, fejn ħadni d-D.S.O. dak il-lejl, wara li investigaw aktar il-każ, qaluli li fuq l-informazzjoni li tajthom, irnexxielhom isolvu l-każ ta' l-ittri sedizzjużi, u saħansitra irrik-

**Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti**

## INTERVISTA MA' EX-P.S. 268 SAVIOUR FAVA

kmandawni ma' l-War Office. Biss jiddispjaċini nirrimarka li ma qlajtx 'prosit' minn għand il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien, anzi kliem ħażin iddubbajt għax ma kontx tajt il-każ lilu dirett. Veru li wara jiena ġejt ikkonfermat bħala Third Class Police Sergeant."

Mistoqsi biex jgħid xi ħaġa fuq il-paga tiegħu meta kien "attached" mad-D.S.O., l-ex Surġent Fava rrakkonta li darba, waqt diskussjoni nfurmali ma' Major Harrow, dan urieh "File" fejn il-War Office kien jirrifondi l-flus tas-salarju tiegħu lill-Kaxxier tal-Pulizija. Meta ra l-figuri fil-"File", is-Surġent Fava rrimarka li ma kienx qiegħed jirċievi dak l-ammont kollu u għalhekk għamel "complaint". Eventwalment sab li kienu qegħdin jaħdmulu paga ħażina u kellhom jirrifondulu mal-£200.

*Domanda: "Meta spiċċajt mill-Pulizija ħdimt xi mkien ieħor?"*

Tweġiba: "Mort għamilt xi żmien bħala Security Officer fil-Fabbrika tas-Sigaretti ta' Wills, Barriera Wharf, ix-Xatt tal-Belt. Domt madwar 16-il sena u fil-fatt anke ġejt intitolat għal pensjoni żgħira minn għand din il-Kumpannija."

*Domanda: "Kemm għamilt servizz fil-Korp tal-Pulizija?"*

Tweġiba: "Jiena għamilt 25 sena servizz u f'Novembru, 1955, jiena rtirajt bil-pensjoni."

*Domanda: "Qabel ma ntemmu din l-intervista, tiftakar f'xi ħaġ'oħra li ġġiblek memorji sbieħ konnessi ma' xi investigazzjoni kriminali?"*

Tweġiba: "Jekk noqgħod nirrakkonta ma nispiċċaw qatt, biss nixtieq insemmi li kelli bosta rakkomandazzjonijiet ta' xogħol li kont involut jiena fih u dawn kienu jidhru fil-Police Orders. Però llum irrid nirreferi għal dik is-serqa kbira minn N.A.A.F.I. Canteen ġewwa l-Forti Rikasoli. Għall-bidu, il-każ kien ġie investigat bla ebda riżultat mid-Dockyard Constabulary; is-suspetti skond huma, kienu xi Maltin, iżda wara li dħalna aħna l-Pulizija, jiena bl-għajnuna ta' żewġ kuntistabblijiet mis-C.I.D., irnexxielna wara għassa twila moħbijin f'katakombi taħt is-swar tar-Rikasoli, li naqbdu "red-handed" erba' baħrin Ingliżi li kienu kkommettew is-serqa, kif ukoll niġbor ir-rifurtiva."

L-ex Surġent Salvu Fava mbagħad ħa l-okkażjoni biex jesebixxi "cutting" (li qed tidher f'paġna 18) minn gazzetta lokali fejn jissemma li snin ilu huwa kien offra l-għoti tad-demm tat-tip "O" lil Papa Gwanni XXIII. F'"cutting" oħra (li tidher f'paġna 18) jirriżulta li fl-1956, is-Sur Fava kien ħeġġeġ għal voluntiera fl-għoti ta' l-għajnejn immedjatament wara mewthom, għal skopijiet ta' traspjanti minn speċjalisti tobba ta' l-għajnejn,

Profil Fuq

# PHILIP SPITERI, EX PC. 55

Il-Kuntistabbli Spiteri, daħal membru ta' l-Għaqda mill-oriġini tagħha.

PC. Spiteri daħal fil-Korp tal-Pulizija bħala Riservista fis-16-5-31, kien ġie mogħti n-numru 55 u baqa' bl-istess numru sakemm ħareġ mill-Pulizija.

Huwa ġie kkonfermat 3rd Class PC fl-1-12-31 u stazzjonat M.T. Dept. Fl-1-12-36 ġie kkonfermat 2nd Pc. u stazzjonat C.I.D. u konfermat 1st. Pc. fl-1-4-47 fejn ġie stazzjonat il-Water Police District fejn baqa' sal-5-1-52 meta rtira mis-servizz bil-pensjoni.

Fil-waqt li nitolbu lill-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem, il-President, l-Uffiċjali u l-Membri tal-Kunsill, jagħtu l-kondoljanzi lill-Familjari tiegħu.



**EX-P.C. 55 PHILIP SPITERI**

## MUTUAL HELP ASSOCIATION

Dawn il-Membri sħabna ħallew dan il-wied ta' dmugħ matul ix-xhur li għaddew, biex daħlu fis-Saltna tas-Sema.

**AGĦTIHOM O MULEJ IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM.**



**P.C. 41 CARMEL BARBARA**



**P.C. 434 GAETANO MALLIA**



**P.C. 216 GERALD TANTI**

**Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti**

## INTERVISTA MA' EX-P.S. 268 SAVIOUR FAVA

dik li l-lum qed issir kampanja siewja favur tagħha mill-popolari Lions Club ta' Malta. Is-Sur Fava spiċċa l-intervista b'dan il-kliem: "Jiena nappella lil min huwa b'saħħtu sabiex meta jista' jmur jagħti d-demm, li f'bosta każi, huwa l-uniku mezz biex isalva l-ħajja ta' ħaddieħor, u li jkun hemm aktar voluntiera li joffru għajnejhom immedjatament wara mewthom biex jintużaw f'operazzjonijiet kirurġiċi ta' l-għajnejn."

Kopja ta' l-ewwel appell li kien sar f'Malta għall-'Eye Donors' mill-ex P.S. Fava

TIMES OF MALTA, THURSDAY OCTOBER 25, 1956

CORRESPONDENCE:

# APPEAL FOR EYE DONORS

TO THE EDITOR TIMES OF MALTA

Sir, – I am sure many people in Malta would welcome an appeal for a most unselfish and esteemed sacrifice, namely that of eye donating by the dying, for blind persons. There may be some people who would be prepared to bequeath their eyes if they knew that good use could be made of them.

While returning home recently, a friend urged me to write on the subject, in any leading newspaper. The idea should serve as a matter for discussion which might eventually lead to donors.

The people of Malta have always been in the forefront of charitable works. It would be a great achievement were this to succeed. As it is known, in Italy this heroic deed was made by a Catholic priest on his death and it proved a great success. A number of donors are registering daily. Such volunteers are held in great esteem.

So let us make our life worth while, by making such a noble sacrifice. We can give happiness to those who are continually begging our help in order to be happy. An Eye Donors Movement would indeed be worthy of the highest praise.

Yours truly,

Kalkara. S. FAVA.

Kopja ta' ittra li ex P.S. Fava wassal lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni XXIII.

"IL-BERQA – 1962"

# MALTI LI OFFRA D-DEMM LILL-PAPA ĠWANNI

MIR-REPORTER TAGĦNA

**•META l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni XXIII kien qiegħed fl-eqqel tal-aħħar marda tiegħu, minn hawn Malta ħarġet offerta ta' wieħed li kien lest biex jagħti d-demm lill-Papa jekk ikun hemm bżonn. Din l-offerta ta' demm għamilha s-Sur Salv Fava mill-Kalkara, ex-Surġent tal-Pulizija.**

Is-Sur Fava għamel l-offerta tiegħu b'ittra mibgħuta lis-Segretarju tal-Istat tal-Vatikan, il-Kardinal Cicognani, fit-30 ta' Mejju.

Is-Sur Fava offra li jħallas minn butu l-vjaġġ minn Malta għal Ruma u lura jekk jiġi mitlub biex jagħti d-demm tiegħu, li hu tal-grupp "Universale".

Għal din l-offerta tiegħu, is-Sur Fava rċieva dan li ġej mis-Segreterija ta' l-Istat tal-Vatikan:

"Nirringrazzjawk għax-xhieda ta' venerazzjoni ta' iben lejn il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni XXIII u nassigurawk li l-Papa fit-tbatijiet tal-mard u tal-agunija tiegħu, żamm spiritwalment preżenti 'l uliedu kollha u ta lilhom l-aħħar barka tiegħu mill-qalb."

Is-Sur Salv Fava ried ixandar din l-offerta tiegħu ta' demm biex iqajjem fost il-pubbliku Malti l-ħeġġa biex joffru d-demm lil min ikollu bżonn.

Is-Sur Fava ta d-demm tliet darbiet lil ħbieb tiegħu li ġew fil-bżonn. "Min hu b'saħħtu m'għandux għalfejn jibża' jagħti d-demm", qal is-Sur Fava, li għandu 52 sena. Is-Sur Fava miżżewweġ u kellu 11-il tifel.

**Lill-Onor.**
**Dr. George Hyzler M.D.,**
**Segretarju Parlamentari**
**għas-Saħħa,**
**Triq Merkanti, Valletta.**

**Onor. Sinjur,**

## RINGRAZZJAMENT

**Ġejt imqabbad mill-Kunsill biex inwassal l-apprezzament tagħna meta lqajt it-talba mressqa mill-Għaqda, biex żewġ membri jkunu jistgħu jżuru lill-Pulizija Pensjonanti rikoverati fl-Isptarijiet ta' l-Istat, wara l-11.00 a.m.**

**Aħna napprezzaw il-koperazzjoni tiegħek għax b'dan il-ġest ma nkunux ta' tfixkil għal ħin allokat għall-familji tal-pazjenti.**

**Filwaqt li nerġa' nirringrazzjak, nawguralek suċċess fil-ħidma tiegħek, insellі għalik,**

**Għoddni tiegħek,**
**LOUIS MUSCAT,**
**Segretarju.**

# THE CHOICE OF A SUPERSTAR



The star studded "accent" bathroom suite could have been specially designed for the famous star Joan Collins.

The bathroom collection with space age lines is the ideal bathroom for all who, like superstar Joan Collins, love the exclusive and unusual — and want luxury even in the bathroom.
Ideal Standard, your ideal bathroom.

Ideal Standard

*Available from Ideal Standard's Sole Agents and Distributors in Malta:*

**ROGER SATARIANO & SON LTD.**

122 Msida Valley Road, B'Kara, Tel: 442769, 491017

# FISHER

*The first name in high fidelity*




## The Fisher Video P-990. Black. Slim. Exciting.

• Outstanding picture quality with H.Q. • Stereo sound recording in veritable HIFI quality • 3 video, 2 audio heads • Stereo and dual-soundtrack TV recording • Level meter with peak-hold circuit • Synthesizer cable tuner for 40 channels • 14-day 7-programme timer • QTR function • APS automatic programme search • Automatic Play: pre-recorded cassettes start automatically when inserted • Slow motion continuously variable from still to normal speed • Quick Motion • Picture Search forward/reverse at 5 times normal speed • Interference-free still picture • Frame advance • Digital remaining-tape indication • Display panel showing play mode, time, tape counter, channel weekday and timer settings • Headphone jack with separate volume control • Tracking control • Tape selector switch for different video sources • Complete with infrared remote control for 32 functions, including power on/off • Only 95 mm high.

PETRONI

***Head Office & Servicing Department***

Joe Gasan Street, Pietà — Tel: 229608

***Branches:***

City Gate, Valletta Tel: 226384

Roadstar, Bisazza Street, Sliema Tel: 317522

Atari, Paola Square, Paola Tel: 782809

1, Mannarino Road, B'Kara.

Minn MARY

# IL-"GENERATION GAP"

Waħda mill-problemi universali li tolqot lilna n-nisa direttament, hija dik magħrufa bħala l-"Generation Gap" – l-andament ta' kif igħixu ż-żgħażagħ paragunat ma' dak ta' kif igħixu l-antenati tagħhom. M'ihiex xi problema li qatt ma smajna fuqha, jew qatt ma ddiskutejniha, u dejjem naslu għall-istess konklużjonijiet – it-tort taż-żgħażagħ – jew it-tort tal-kbar!

M'inhiex beħsiebni nidħol fil-meritu ta' minn joħloq il-problemi, iżda din il-kwistjoni nikkompara bħal sikkina taqta' minn żewġ naħat. Iż-żewġ partijiet għandhom il-ħażin u t-tajjeb tagħhom, u xieraq għalhekk li naraw x'inhi r-raġuni għal dan in-nuqqas ta' qbil bejn iż-żgħażagħ u l-antenati tagħhom. Din il-problema ta' nuqqas ta' qbil f'dan ir-rigward ma teżistix biss bejn il-ġenituri u wliedhom, iżda teżisti f'diversi modi fis-soċjetà tagħna.

Nieħdu l-problema tal-familja – in-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri u l-ulied. Ngħiduha ċar u tond li din il-problema teżisti l-aktar fejn ma teżistix dixxiplina – dixxiplina li trid titrawwem fl-ulied sa minn ċkunithom – u mhux wara li nħalluhom jagħmlu li jridu fi ċkunithom għax noqogħdu niggustawhom, imbagħad nibdew naraw kif se ngħallmuhom ma jagħmlux dak li konna niggustawhom jagħmlu u li issa qiegħed idejjaqna.

Inutli li lil uliedna – per eżempju, ngħidulhom li fi żmienna konna nidħlu fit-tmienja ta' filgħaxija lura d-dar (jekk mhux qabel ukoll) għax malajr joħorġulek b'xi waħda sarkastika – "imma dak iż-żmien kontu għadkom bil-lampi tal-Pitrolju". Irridu nfehmuhom għaliex nixtiequhom id-dar filgħaxija kmieni, u mhux f'nofs iljieli. Nispjegawlhom xi tfisser il-kelma 'dekor' u li din jistgħu jkollhom bżonnha meta jiġu biex isibu s-sieħba jew sieħeb tagħhom. Dan huwa d-'djalogu' li jeħtieġ isir bejn il-ġenituri u l-ulied bl-aktar mod serju u mingħajr ħafna għajjat u ġlied.

Bosta huma dawk li jirraġunaw li liż-żgħażagħ tal-lum ma tfemhom b'xejn, u tkun qed tagħżaq fl-ilma tipprova tfemhom ċerti affarijiet. Għalhekk fil-bidu għedt li d-dixxiplina trid titrawwem fit-tfal minn ċkunithom, biex fl-iżvilupp tagħhom inti tkun tista' żżommhom kemm jista' jkun il-bogħod minn xi saram. Uħud jirraġunaw ukoll li lit-tfal iżżommhom biss taħt il-kappa tiegħek sakemm jitfarfru, u llum qegħdin naraw li dan it-'tfarfir' qiegħed isir ta' età żgħira f'dik li hi mentalità addoloxxenti. L-ulied tal-lum qegħdin iħossu li ta' erbatax/ħmistax il-sena huma kapaċi jiddeċiedu x'inhu tajjeb u ħażin għalihom, u mhux kemm taqbad tikkonvinċihom li dak li qegħdin jagħmlu huwa ħażin, iżda xorta għandu jsir l-iggwidar neċessarju biex nevitawlhom li jaqgħu f'xi saram.

Importanti mbagħad li mhux kemm naqbdu u nippruvaw niggwidaw lil uliedna, fi ċkunithom u f'żogħżithom, imbagħad fl-istess waqt inkunu aħna stess ta' l-akbar eżempju ħażin għalihom. Kif tippretendi li lil uliedek tmexxihom u tigwidhom meta t-tajjeb li nkunu rriduhom jagħmlu – nagħmlu aħna l-oppost tiegħu! Jekk iż-żgħażagħ iħarsu lejna għat-treġija f'ħajjithom, x'jistgħu jibbenefikaw jekk ħajjitna qisha lanċa f'baħar imqalleb!

Lit-tifel tiegħek ta' erbatax/sittax il-sena xi dritt għandek tikkoreġih għax qal 'ħaqq' – meta kif jisbaħ filgħodu jisma lilek iżżarrat xi waħda tfarrak il-ġebel! U mhux hekk biss, meta wkoll ma tridx isemma lill-ġirien ukoll!

Din il-problema tal-"Generation Gap" m'hiex xi waħda li żvolġiet ruħha matul dawn l-aħħar snin – ilha hemm minn żmien il-bidu tad-dinja, u huwa diffiċli ferm sabiex issolvi ruħha. Għalkemm hawn bosta għaqdiet – kemm taż-żgħażagħ kif ukoll tal-anzjani, u diversi drabi saru laqgħat fejn fihom ħadu sehem iż-żewġ partijiet, jibqa' l-fatt li minkejja li saru bosta sforzi sabiex isir xi ħaġa biex din il-problema tittaffa, għadna lura wisq biex ngħidu li ta' l-anqas bdejna.



L-ulied iħarsu lejna għat-treġija tajba...qegħdin nagħmluh dan?

Għalhekk nisħaq li l-ewwel sforz għandu jsir fil-familja stess. Aħna n-nisa u ommijiet tad-dar għandna nagħmlu ħilitna kollha sabiex lil uliedna nfehmuhom, bil-kwiet u bil-galbu, li din il-problema ta' l-inqas ma għandhiex għalfejn tkun teżisti f'darna, li b'daqsxejn ta' kelma tajba u djalogu addattat fil-familja tagħna stess għandna nagħtu bidu sabiex din il-problema tibda tittaffa l-ewwel minn darna stess, imbagħad la jkun hemm ċertu qbil fuq diversi materji familjari, dan l-istess ftehim jibda joħroġ barra darna, u għalkemm it-tajjeb huwa diffiċli biex jiġi kkupjat, jista' ta' l-anqas iservi bħala pedament għal soluzzjoni għal familji oħra.

## SUBSCRIPTION TO THE INTERNATIONAL CRIMINAL POLICE REVIEW

The subscription covers the 6 annual issues (total: 200 pages). Please complete the form below in capital letters and return with your payment to one of the following addresses:

Arabic, English and French editions:
ICPO-Interpol
General Secretariat
B.P. 205
92212 Saint-Cloud CEDEX, FRANCE

Spanish edition:
Dirección General de Policia
Oficialia Mayor
General Pardinâs 90, 6a planta
Madrid 28006, SPAIN

**RATES for 1987 subscription:**
(in Swiss francs)

All rates include postage.
– Arabic, English and French editions: France: 28 Swiss francs; Other countries: 32 Swiss francs

BY AIRMAIL:
Europe: 37 Swiss francs; The Americas: 46 Swiss francs;
Asia: 51 Swiss francs; Africa and Middle East: 40 Swiss francs

– Spanish edition:
Spain: 1,000 pesetas; Other countries: 1,300 pesetas

### 1987 I.C.P.R. SUBSCRIPTION FORM

NAME (or corporate name) ____________________

FORENAME ____________________

PROFESSION ____________________

ADDRESS ____________________

____________ CITY ____________ POST CODE ____________

COUNTRY ____________ Subscriber's number (for renewals) ____________

Number of subscriptions required in each language (please place the appropriate number in the box opposite the language(s) of your choice):

Arabic ☐ English ☐ French ☐ Spanish ☐

PAYMENT ENCLOSED, i.e.

For Arabic, English and French editions:
____________ Swiss Francs (or equivalent in another currency – preferably French francs or U.S. dollars – i.e. ____________)

by: – Post office draft to Paris post office account C.C.P. Paris 13.492-63 (in French francs exclusisvely)
– Cheque made out to I.C.P.O. – Interpol

For Spanish edition: ____________ pesetas (or equivalent in your country's currency, i.e. ____________)

by: Cheque made out to Administración Revista Interpol.

Date: ____________

Signature and/or authorized stamp:




**CRIMINOLOGY**

A long tradition
dating back to 1925




**POLICE TECHNIQUES**

Contributions from
people actively involved
in law enforcement




**CO-OPERATION THROUGH INTERPOL**

A forum for sharing the wealth
of experience acquired in
Interpol's 142 Member States

**LAW**

Worldwide circulation
in four languages




**FORENSIC SCIENCE**

Available on
subscription only

# PAĠNA GĦAT-TFAL

**• Try making a simple paper flower – an old – fashioned rose or a daffodil or a tulip. After a little practice you may find you want to go on and make many different and more difficult flowers.**

**You will find the instructions for making each flower or spray of flowers very simple. Follow them carefully. Make bouquets of flowers as gifts for your friend, or for centerpieces for your table, when you are having a party.**

### PART 3

## TULIPS

•Make patterns of the centre of the tulip, the petals, and the leaves (Patterns a, b and c).









Cut out of yellow or red paper a centre for the flower, using Pattern a. Make little cuts along the edge where the black lines are drawn. This will give the effect of a fringe. Shape this into a cup and tie it to one end of a 9'' wire stem (picture 1).

Using Pattern b and cut out 6 petals in yellow or red paper. Tie these, evenly spaced, around the base of the centre cup. To do this, place the petals back to front and upside down, around the base of the centre cup, tie them, then turn them up around the centre cup (picture 2).



Cut 3 long, spear-shaped leaves out of green paper, using Pattern c, and tie these around the stem.

Wrap the stem with green paper or florist's tape (Picture 3).



**Rebbieħ tal-Kompetizzjoni tat-Tfal No. 3**

**Sharon Bunce**
**'Yvonne' Liedna Str.,**
**Paola.**

# Percevering percy P.C.




**TISLIBA Nru. 3 – BI PREMJU TA' LM5**




**Mimdudin:-**

1. Tgħaddas taħt l-ilma (7)
3. Parti minn bini (8)
5. Kienu jinħadmu l-pasturi bih (5)
6. Gagarin waqegħtlu l-J minn ismu (3)
7. Tista' tkun ta' diversi ngredjenti (5)

**Weqfin:-**

1. Jekk tintlewa minn fuq din tista' tfekkek saqajk (7)
2. Wieħed mix-xhur tas-sena (5)
4. Parti minn funeral (5)
5. Kienet fuq it-Titanic meta beda jegħreq (6)

**Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom lill-PC 512 M. Ellul, Police Library, G.H.Q., Floriana.**

## TBISSEM FTIT....

**PROVA EĊĊELLENTI**

– Maġistrat: "U xi provi għandek biex tgiddeb l-akkuża kontrik ta' sewqan esaġerat, eh?".

– Sewwieq: "Biżżejjed ngħidlek, Sinjur, li kont sejjer inġib lil kunjata tqatta' ġimgħa d-dar għandna!".

* * *

**BOMBS AWAY**

– Imħallef: "Mela int u żewġek ma kontux irranġajtu, u ma sseparajtux. Dan x'kien erġajt ġejt quddiemi, sinjura?"

– Żewġha: "Tort tiegħi, sinjur, għax ... ma lqatthiex sew bil-flixkun li tfajtilha!"

* * *

**ARMONIJA!**

– Hu: "Meta nkun miegħek, hekk, wiċċi ma' wiċċek, qalbi, nistħajjilni fi ġnien mimli fjuri. X'finezza, xi fwieħa, xi ġmiel, xi...

– Hi: "U jien nistħajjilni wiċċi ma' xi pjanta tal-Kaktus ... b'dik il-leħja, ja maħmuġ!"

## SOLUZZJONI TISLIBA Nru. 2

**TISLIBA Nru. 2 – BI PREMJU TA' Lm5.**




Mimdudin:-
1 Issa hawn irġiel hekk ukoll.
3 Din tinqasam bis-sajjetta.
6 Tlieta bit-Taljan.
7 Issir fir-Randan... bil-maqlub.
8 Għamel ħinu fuq in-nar.
9 Lit-turisti togħġobhom ta' Malta.

Weqfin:-
1 Il-manku taz-zappun.
2 Int naddaf l-art.
4 Il-metru fiti..... mil-jarda.
5 Ta' ċertu żmien.
7 Ta' żmien il-qedem?

**REBBIEĦ TA' TISLIBA Nru. 2**

**Mrs. C. Monreal**
**6/Residual Blk**
**Wiġi Rosato Street**
**Cospicua**

# STATUS QUO

# MID-DINJA MUŻIKALI

## – TAGĦRIF MIĠBUR MIS-Sgt. CHARLES MARSH

**• THE story of Status Quo is a tale of two decades, two musical directions but only one group.**

It is hard to believe that Status Quo began life in the music business as long as 1962, for today they are superstars status in the U.K. and very much a group of the 70's. Their secret of continued success is that they have been adventurous enough to progress musically with the times, so that their talents and energies are always blended into a contemporary sound.

Their initial break into the charts came in early 1968 after a hard apprenticeship of six years playing holiday camps and acting as a backing group. Pictures of Matchstick Men was their first hit followed swiftly by Ice In The Sun. Both singles were pop psychedelia and extremely contemporary but it was not necessarily a sound guaranteed to keep the group riding high in the popularity polls for the years to come.

Quo recognised the possible transcience of their attraction and, when the hits dried up, they took to time re-think their musical direction and decided to set up a new image, audience and reputation in the progressive rock circuit.

Against all odds they did just this and emerged in the early 70's to meet with a rapturous reception, sell out tours and a fanatical following-all of which they have maintained to this very day. Status Quo were brave enough to take a long, hard look at themselves and the music business .. and it paid dividends!

In the collection (Status Quo Greatest Hits) we look at the Status Quo of the late '60s. It is a compilation of great interest to all their fans, for not only does it feature their hits of the time but many other selected recordings made before their change in musical directions. They were as much a group of the '60s as they are of the '70s and this must surely be a true collectors item.

In the '80s we heard about Status Quo with the hit 'You're in the Army now'.



# TEG industries ltd.

**TUBULAR & MAHOGANY FURNITURE WORKS**









Factory: **37, PSAILA STREET, B'KARA TEL: 444457**

Showroom: **RICHARD BUSUTTIL - 116, MANNARINO RD., B'KARA TEL: 442257**

THE CATERING CO-OP LTD. MALTA

# THE CATERING CO-OP LTD.

operators of

## Mc:BURGERS

***Freedom Square, Valletta. Tel. 222716***

***Bisazza Street, Sliema. Tel. 335319***

## Cafè De La Vallette

***City Gate, Valletta. Tel. 227704***

## M.V. GĦAWDEX

***Restaurant – Cafeteria***

OUTSIDE CATERING AND CANTEEN OPERATORS




# Middle Sea Insurance

## SERVICE & SECURITY

*Middle Sea Insurance – Malta's first insurance company – is now offering a full and competitive service that covers most classes of insurance, including special policies for home owners and shopkeepers.*

*Entrust the things you value to the people you can trust, a Maltese company specialising in absolute security with efficient service.*

*Rely on its international experience.*

MIDDLE SEA INSURANCE CO. LTD. ~ MALTA ~



*Middle Sea House, Floriana.*

**Middle Sea Insurance** Tel: 626262

# ID-DRITT U D-DMIR TAL-PULIZIJA




1) Il-Parlament Malti reġa' ġie inawgurat uffiċjalment nhar il-Ħamis, 9 ta' Lulju, 1987.
2) L-Eċċellenza Tiegħu l-Aġent President tar-Repubblika ta' Malta, is-Sur Pawlu Xuereb, b'dinjità u b'serjetà liema bħalha, ħabbar il-programm tal-gvern il-ġdid, li fost l-oħrajn tkellem fuq il-Korp tal-Pulizija, u wera l-intenzjoni futura tal-gvern, għal riformi fil-Korp tal-Pulizija billi wriena qafas ta' pjan billi sostna diversi prinċipji fundamentali, kif ukoll ħabbar diversi miżuri preliminari b'risq il-Korp tal-Pulizija u b'risq il-poplu tagħna.
3) Fost il-prinċipji li se jkollhom attenzjoni speċjali nsibu, li:
   A ) il-pulizija hu l-mezz skond il-liġi biex tinżamm l-ordni u l-paċi pubblika.
   B) il-pulizija hu u jibqa' l-mezz biex iseħħ id-dritt bażiku tal-ħelsien skond il-liġi.
   C) il-pulizija u l-lealtà tiegħu lejn il-Kostituzzjoni u lejn il-poplu hu servizz tad-dritt.
   D) il-pulizija, l-onestà u l-ħila fil-qadi ta' dmirietu hu l-bażi tal-ħarsien tal-liġi.
4) Fost il-miżuri mħabbra, li se jgħinu "il-Korp tal-Pulizija, insibu:
   A) il-bżonn ta' għajnuna iżjed fl-kundizzjonijiet tax-xogħol
   B) tibdil fl-organizzazzjoni.
   C) taħriġ intensiv.
   D) kwalifiki aħjar.
   u dan kollu, "biex il-Korp tal-Pulizija jikseb mill-ġdid ir-rispett u l-fiduċja tal-poplu Malti."
5) Din l-attenzjoni speċjali fuq dawn il-prinċipji u fuq oħrajn, kif ukoll, din il-kura fil-miżuri mħabbra, din tissejjaħ inizjattiva bi dritt u skond id-dmir ta' l-awtorità, li hi forma ta' żabra tant meħtieġa fi staġun xitwi, għalkemm ninsabu fis-sajf!
6) Proprjament, l-Eċċellenza Tiegħu, f'isem il-gvern ma qal xejn ġdid. Għax id-drittijiet u d-dmirijiet tagħna u ta' ħaddieħor ilna nafuhom sa mill-1814. Għax din kienet u għadha l-libsa tagħna, li nafu nilbsuha. Ninsab ċert li l-Eċċellenza Tiegħu u l-gvernijiet jafuh dan. Imma jista' jkun li mhux kulħadd jaf jilbes sewwa din il-libsa.
7) Imma huma jwissu għal kemm-il darba. Bħal omm ħanina li twissi 'l uliedha. Bħal dak il-konfessur, li fil-Qrar iwiddeb elf darba. Għax il-pulizija, aħna wkoll, "Humani Sumus", bħall-kumplament tal-poplu. Imma jeħtieġ li kulħadd indaqs, nitgħallmu nilbsu sewwa l-libsa tagħna. Għax dan hu impenn sagrosant, li fix-xogħol tagħna ma nistgħux noffru konfini u kuluri.
8) Imma l-ebda omm, konfessur jew gvern ma jieħu pjaċir jaraw 'l uliedhom jonqsu mid-dmirijiet tagħhom. Għalhekk iwissu u jerġgħu jwissu u jfakkru, biex id-dmirijiet u d-drittijiet jimxu id f'id. Biex ma jinbarax ħadd. Biex igawdi kulħadd. Biex kulħadd igħix ħajtu fil-paċi u t-trankwillità.
9) Għalhekk inħossni ċert li kull wieħed minna jipprometti li bl-għajnuna ta' Alla nwasslu l-Korp tal-Pulizija tagħna għal rebbiegħa mwarrda, b'saħħitha u li ttul f'interess wieħed, dak nazzjonali.
10) Frott id-dielja hu xogħol il-bniedem. J'Alla l-imqass taż-żabra jintuża mill-bniedem bis-sengħa u bl-onestà. Għax żabra mhux tajba u mhux fi żmienha ma tagħtix frott bnin. Żabra tajba u f'waqtha biss tkun effikaċi.
11) Ħajr minn qalbi lill-Eċċellenza Tiegħu l-Aġent President tar-Repubblika li reġa' wasslilna l-messaġġ tiegħu. Messaġġ patern.
12) Nawgura lill-Korp tal-Pulizija tagħna u lill-poplu Malti u Għawdxi, li bl-għajnuna t'Alla u bir-rieda konvinċenti tagħna naslu ngħelbu kull diffikultà.

# Martin Luther King

Minn
J. ATTARD

● Kien Diċembru ta' l-1955 meta Rose Parks, Amerikana sewda rikbet fil-karozza tal-linja f'Montgomery, Alabama. Hija kienet għajjiena ħafna wara x-xirja li kienet għamlet u b'hekk poġġiet bil-qegħda. Wara ftit fil-karozza telgħu xi nies bojod u l-kunduttur qallha sabiex tqum għax f'Alabama is-suwed setgħu joqogħdu bil-qegħda biss jekk ma jkunx hemm bojod bil-wieqfa. Iżda Parks irrifjutat li tqum u l-kumpanija tax-xarabank tellagħha l-qorti għax f'Alabama kien hemm liġi li trid tobdi lill-kunduttur, u ġiet immultata.

Is-suwed ta' Montgomery tant irrabjaw li rrifjutaw li jużaw ix-xarabanks tal-kumpanija dment li ma jitrattawhomx tajjeb u bil-pulit daqs il-bojod. Kien hemm grupp ta' suwed li organizzaw soċjetà li sejħulha 'Montgomery Improvement Society' immexxija minn Martin Luther King. Kien ta' periklu li tmexxi għaqda bħal din għaliex il-bojod kienu kontra li s-suwed jiġu ttrattati bħalhom, fil-fatt King ġie mhedded u anke attakkat. Però huwa ma ħalliex lis-suwed jirritaljaw għax kien kontra kull tip ta' ġlied u vjolenza. Sadanittant huwa għamel l-ewwel rebħa għaliex il-Qorti ta' Washington qalet li s-suwed għandhom dritt joqogħdu bil-qegħda fix-xarabank daqs kemm kellhom dritt il-bojod. Huwa kien jemmen fit-tagħlim ta' Kristu u għalhekk kien kontra l-vjolenza. Kien jemmen f'dik li l-Ingliżi jgħidu 'passive resistance' jiġifieri li tagħmel it-triq diffiċli lill-oppożizzjoni mingħajr ma tweġġa' u ssawwat lil ħadd.



"... kulħadd għandu jkollu xi skop għal x'hiex imut. Min m'għandu l-ebda skop għal mewt mhuwiex denn li jgħix." *Martin Luther King*

## *MITFUGH IL-HABS*

Sadanittant Martin Luther King laħaq President ta' Għaqda Kristjana li kienet tinkludi n-nofsinhar ta' l-Amerika kollha. Is-suwed ma setgħux joqogħdu fi snack bars u għalhekk l-ewwel metodu li użaw kien 'sit in'. Xi studenti minn Carolina ftehmu li joqogħdu hemm bil-qegħda għall-granet sħaħ bi protesta. Meta ħa parti fiha King, ġie arrestat u mitfuh il-ħabs.

Minn hawn beda jorganizza demostrazzjonijiet fl-Amerika kollha u kien determinat li s-suwed ikollhom dritt li jivvutaw, li jmorru fl-istess universitajiet u skejjel u li jkollhom jobs tajbin daqs il-bojod. Fl-1963 Martin Luther King għamel dimostrazzjoni fil-Belt ta' Washington li ġabret madwar 200,000 ruħ inklużi bojod li kienu jappoġġjaw lis-suwed. Fl-istess sena huwa rċieva l-premju Nobel għall-paċi u l-premju ta' 10,000 lira li ngħata tah lis-Soċjetà għad-drittijiet tal-Ħaddiema. Il-ħidma tiegħu kompliet tagħti l-frott għaliex kulleġġijiet skejjel u jobs bdew jinfetħu għas-suwed ukoll, kif ukoll setgħu jidħlu f'Restaurants u fil-ġonna pubbliċi.

Iżda f'ħafna stati kienet diffiċli li jivvotaw għaliex riedu jgħaddu minn eżamijiet diffiċli li l-bojod ma kellhomx għalfejn jagħmluhom. Hawnhekk is-suwed kienu ġew attakkati, imsawta u saħansitra maqtula. Martin Luther King kien jaf li xi darba din ix-xorti ħażina kienet se tmiss lilu.

Baqgħu magħrufa dawn il-kliem li ntqal minn King. 'Every man should have something he'd die for. A man who won't die for something isn't fit to live. Fil-fatt huwa kien ġie maqtul minn estremista abjad fl-1967 meta kellu biss 38 sena.

GATT

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**FORT ROAD, MOSTA, MALTA**

Telephone 441132-440111

Cables: Limestone

For Professional Service

Book your Wedding, Engagement etc.
in photos and video
at

AGIUS PHOTO STUDIOS

136, Pawla Square
Pawla. Tel. 826270

3c, St. Sebastian Square
Qormi. Tel. 487009

*THE NAME IS THE GUARANTEE*
*YEARS AND YEARS OF EXPERIENCE*



**PEUGEOT Power Tools and Woodworking Machines**

**PROFESSIONAL and D.I.Y. Series**



*Sole Agents and Distributors:-*

**CARMELO GAUCI LTD.**

**"CARGA" NEW STR. in QORMI RD. ST. VENERA. TEL: 443861-445717**



# L-AKKWARJU

Kitba ta'
TARCISIO VELLA

IT-TIENI PARTI

**• F'DAN l-artiklu se nagħti xi tagħrif fuq kif wieħed jgħaqqad il-vaska. Jekk wieħed ikun xtara l-akkwarju, jiġifieri l-vaska biss, allura kull ma jkollu bżonn jixtri huwa l-apparat biex jagħmlu jiffunzjona. Jekk wieħed ikun iddeċieda li jarmah kollu hu – jiġifieri li l-vaska jagħmilha huwa wkoll, allura ikun daħal għal aktar xogħol imma jkun sodisfatt li dak li għandu jkun eżatt dak li xtaq.**

Sa hawn suppost li diġà ddeċidejna fuq il-post fejn se nqegħdu l-Vaska, u l-qies tiegħu. Mela issa jmiss li nixtru l-ħġieġ.

Il-ħxuna tal-ħġieġ jiddependi mill-kobor ta' l-akkwarju. Akkwarju ta' 1000mm wisa, 500mm fond, u 500mm għoli jrid ikollu l-ħġieġ ta' ħxuna mhux inqas minn 6mm. Meta mmorru għand l-'Ironmonger' (jew kif huwa aktar magħruf 'taż-Żebgħa'), irridu nispjegawlu l-ħġieġ irid ikollu l-kantunieri 90.

Ħaġ'oħra li rridu noqogħdu attenti huwa li x-xifer tal-ħġieġ ma jkunx jaqta'. F'każ li jkun jaqta', kull ma rridu nagħmlu huwa li niddubbaw biċċa 'mola', – jekk ikun 'Garborandum' aħjar, u nħokku x-xifer biha. Wieħed irid joqgħod attent li din il-biċċa xogħol jagħmilha b'attenzjoni kbira, għaliex xifer ta' ħġieġa taqta' aktar minn sikkina misnuna.

Meta jlesti din il-biċċa xogħol wieħed għandu jfarfar tajjeb il-frak tal-ħġieġ u tal-mola. Wara jnaddaf il-ħġieġ minn xi żejt jew contaminent ieħor. Metodu li wieħed jista' juża huwa li l-ewwel jimsaħ il-ħġieġ b'ċarruta niexfa, wara jaqbad ċarruta oħra jew tajjara mċappsa bis-'Surgical Spirit' u jnaddaf il-ħġieġ biha. Fl-aħħar jillostra b'ċarruta niexfa. Din il-biċċa xogħol wieħed għandu jagħmilha issa sabiex ikun jista' jnaddaf il-ħġieġ aħjar qabel jgħaqqdu u wkoll sabiex malli jgħaqqdu jkollu biss il-marki tasswaba xi jneħħi u mhux dak it-tidlok ta' żejt u ħmieġ li jkollu hekk kif iġibu mingħand taż-żebgħa.




DISINN 'A'




DISINN 'B'




DISINN 'C'




DISINN 'D'

Issa niġu biex ngħaqqdu l-ħġieġ u niffurmaw l-akkwarju. Naħseb aħjar nagħtikom xi disinji ħfief biex nispjega.

## ☐ KOLLA U JOINTS

L-ewwelnett irrid ngħid li l-kolla li wieħed għandu juża hija "Silicon Glue". Din il-kolla hija ta' kulur abjad u meta tinxef issir qisha 'rubber' artab. Il-kolla għandha żewġ funzjonijiet. L-ewwel li taqbad il-ħġieġ ma' xulxin, u t-tieni li tissilja. Mela meta wieħed ikun qiegħed juża l-kolla jrid ikun ċert li ma jħallilhiex qtuħ għax inkella l-vaska tagħmel. Hemm ħafna modi kif wieħed jgħaqqad il-ħġieġ ma' xulxin, imma kif tagħmel il-'joint' mod wieħed biss hemm.

Disinn 'A' juri l-mod ħażin u disinn 'B' juri l-mod tajjeb. 'Joint' magħmul bħal disinn 'B' ikun aktar b'saħħtu. Meta wieħed jiġi għall-qiegħ l-aħjar mod kif wieħed jgħaqqdu huwa bħal disinn 'C'. B'dan il-mod jassigura li l-qiegħ ikun ċatt minn ġenb sa ġenb. Jekk wieħed jipprova jgħaqqdu bħal disinn 'D' jista' jagħti l-każ li meta l-kolla tinxef jinduna li l-akkwarju qiegħed iserraħ fuq il-ħġieġ tal-ġenb

•Ikompli f'paġna 30

# QTIL WAQT LOGĦBA POKER




**Kien il-Ġimgħa, 20 ta' Awissu, 1976, għal ħabta tad-9.30 p.m. meta tlett lagħba marru bħas-soltu d-dar ta' Domingos Carvalho fi Brampton, Ontario biex jilgħabu l-poker. Carvalho infurmahom li r-raba' player Marrey Durrer li kellu 21 sena, kien se jingħaqad jilgħab magħhom aktar tard peress li daħal ftit xurban u mar jistrieħ fil-kamra tas-sodda.**

Kienu għaddew biss ftit minuti meta tlieta minn nies b'wiċċhom mgħammad daħlu fuqhom armati b'revolvers u wara li serqulhom il-flus u xi ġojjelli li kellhom fuqhom, ordnewlhom jinteddu fl-art. Wara li rabtulhom idejhom u saqajhom b'ħabel tan-nylon, wieħed mill-ħallelin beda jfittex u jqalleb fil-kxaxen. Carvalho qal lill-ħallelin sabiex ma jidħlux fil-kamra tas-sodda għax hemm Durrer u peress li kien xurban, jaf jirreżisti u tiġri xi diżgrazzja. Iżda l-ħallelin xorta waħda daħlu u wara ftit instema tir ta' pistola. Huma ppanikjaw u telqu jiġru l-barra b'650 dollaru fi flus u l-ġojjelli.

Carvelho irnexxielu jinħall u wara li ħeles lil sħabu, ħareġ barra jgħajjat għall-għajjut. Ġiet infurmata l-Pulizija u appena waslu fuq il-post, mill-ewwel bdew jippruvaw jiksbu xi tagħrif minn xi xhieda. Issejħu wkoll xi Pulizija biex jassiguraw li minn ġor-residenza fejn saret is-serqa, ma' jidħol u joħroġ ħadd biex ma' tinqeridx xi evidenza importanti. Sadanittant, Durrer li kien ġie milqut b'tir ġo rasu, ġie meħud l-isptar mitluf minn sensieh.

Ħafna mill-ġirien ta' Carvalho ma' raw u ma' semgħu xejn għajr raġel li qal li ra tlett irġiel jiġru, qabżu ċint, qasmu għat-triq tan-naħa l-oħra u ħarbu b'karozza li kienet qed tistennihom. Huwa ta wkoll id-deskrizzjoni tal-karozza. Dak il-lejl stess saret tfittxija intensiva għall-karozza iżda ma' nstabitx.

Għall-ħabta tal-5.25 a.m. tas-Sibt, 21 ta' Awissu, Durrer miet mingħajr l-anqas biss ma' ġie f'sensieh. Mill-awtopsja irriżulta li huwa ġie maqtul b'tir ta' revolver ġo rasu minn distanza fil-qrib.

Il-Pulizija kompliet tagħmel l-investigazzjonijiet tagħha fejn irnexxielha tikseb tagħrif minn xhud ieħor li dak il-ħin inzerta għaddej mit-triq fejn għalkemm ma' setgħa jagħraf lil ħadd, semgħa lil wieħed mill-ħallelin jgħajjat 'Frank'. Għamlu tfittxija madwar ir-residenza fejn ġara l-każ u rnexxielhom isibu ħabel tan-nylon jixbaħ ħafna 'l dak li rabtu bih lil vittmi u li kien fihom ukoll xi marki tas-swaba. Fid-dar ta' Carvalho sabu wkoll basket li ħallew warajhom b'marki tas-swaba ċari. F'karozza li kienet ipparkjata ħdejn iċ-ċint sabu marka sħiħa ta' pala ta' id li kienet taqbel ma' xi marki li nstabu fid-dar. L-investigazzjonijiet komplew għal ġimgħa sħiħa fejn il-Pulizija interrogaw mijiet ta' xhieda u studjaw bir-reqqa l-marki tas-swaba.

## Arrestati

Fis-27 ta' Awissu, 1976, il-Pulizija ikkonkludew li l-marki tas-swaba li kienu instabu fil-ħabel tan-nylon kienu ta' Frederick Caddedu ta' 26 sena minn Niagara Falls, Ontario u marki oħra li kienu nstabu fil-basket li ħallew warajhom kienu ta' ħu Frederick, jiġifieri Frank Caddedu ta' 21 sena.

Fid-29 ta' Awissu, Frederick u Frank Caddedu ġew arrestati. Mill-istqarrijiet li għamlu irriżulta li r-raġel l-ieħor li ħa sehem fis-serqa kien Stewart English ta' 24 sena minn Orangeville. Irriżulta wkoll li kien hemm involut persuna oħra li għalkemm ma ħax sehem fis-serqa, Robert Gorham ta' 26 sena minn Mississauga, kellu sehem kbir fl-ippjanar tagħha. Fl-istqarrijiet qalu wkoll fejn kienu ħbew l-armi li kienu serqu minn Niagara Falls xi tmien jew disa' xhur qabel is-serqa. Mal-erbgħin 'exhibit' li nstabu fil-post u fl-inħawi ta' fejn sar id-delitt, intbagħtu ċ-ċentru tal-Forensic Science ta' Toronto, fejn irriżulta li l-balla li ġiet sparata waqt is-serqa kienet minn wieħed mir-revolvers rikoverati mill-Pulizija u żewġ xagħriet li kien hemm ma' kalzetta li wżaw biex jagħmmdu wiċċhom bihom, kienu ta' Fred Caddedu.

Mill-investigazzjonijiet li komplew jagħmlu l-Pulizija, irriżultaw dawn il-fatti.

Corham kien jaf li f'dik id-dar jilgħabu l-poker għal ħafna flus (ħafna aktar milli serqu). Gorham, l-aħwa Caddedu u English ippjanaw din is-serqa bir-reqqa u wieħed mill-ftehim kien li ma' jifthux nar bla bżonn. F'dik il-ġurnata tas-serqa, Gorham ħa ħsieb jixtri l-ħabel tan-nylon u kalzetti suwed tan-nisa minn ħwienet differenti. Ftehmu wkoll li huwa ma' jieħux sehem fis-serqa minħabba li l-lagħba setgħu jagħrfuh peress li kien midħla ta' dawk l-inħawi.

Għal-ħabta tad-9.30 p.m. ta' l-10 ta' Awissu, huma daħlu f'dik id-dar u meta raw li sabu biss 650 dollaru ħasbu li kien hemm xi flus oħra moħbija. Frank Caddedu daħal fil-kamra tas-sodda fejn kien hemm Murrey Durrer rieqed. Kif dan ta' l-aħħar sema' l-ħsejjes, qam maħsud u ntefgħa għal fuq Frank jissielet miegħu. Meta Frederick Caddedu semgħu l-ħsejjes, daħal fil-kamra u spara tir fuq in-naħa ta' wara ta' ras Durrer. Huma ippanikjaw, ħarbu u ħallew warajhom basket. Saqu għal Brampton u mat-triq irmew il-bullets u ż-żraben li kienu lebsin. English ħeba ir-revolvers u l-kalzetti fil-kamra ta' l-imbarazz ta' fejn kien joqgħod. L-aħħar ħaġa li għamlu

## QTIL WAQT LOGĦBA POKER

kienet li qasmu l-flus u kulħadd telaq għal rasu.

### Ikkundannati l-ħabs

Fis-27 ta' April, 1977, Frank Caddedu u Stewart English tressqu l-Qorti akkużati b'kompliċità ta' qtil u weħlu l-massimu ta' 14-il sena ħabs kull wieħed.

Robert Gorham li ġie akkużat b'kompliċità ta' serq ġie ikkundannat għal 10 snin ħabs.

Frederick Caddedu deher il-Qorti fil-25 ta' Mejju, 1977, akkużat bi qtil, ġie ikkundannat għal għomru l-ħabs.

### Irnexxielu jaħrab

Fil-25 ta' Mejju, 1980, Frederick Caddedu irnexxielu jaħrab mill-ħabs ta' Millhaven. Fis-7 ta' Lulju, 1980, huwa ħataf manager ta' Bank mid-dar tiegħu u wara li ħadu b'forza il-bank, seraq 101,000 dollaru. Jumejn wara, Caddedu ġie arrestat mid-dar tiegħu fi Niagara Falls, Ontario. Huwa weħel 19-il sena ħabs oħra fuq dik li diġà kellu għall-għomru.

## FIREARMS

● *continued from page 9*

usual Webley target sights. In all other respects it was unchanged from the standard model.

### ·38 MODEL, 1901

Concurrently with the ·455 model, a ·38 version was produced, though from the scarcity of the remaining specimens, it would seem that few were made. As far as possible, the components of the ·455 were used, but a new cylinder had to be made, and this was produced in an unusual eight-chambered configuration. This required a special design of rotating slot, and at the same time, the opportunity was taken to alter the design of the safety catch. These ·38 Fosberys shot well and made a name for themselves in the Bisley meeting of 1901.

### ·455 MODEL, 1902

Some minor changes were made for the 1902 models, the chief ones being to make side plates removable on the frame, and to change the cylinder flutes from being at the back of the cylinder to the front. A few were produced with the Pryse flat-top barrel, and some target shooters preferred to remove the safety. Otherwise there is little to differentiate these from those of the previous year.

**By this article we have covered all the Webley revolvers. As many of you are aware, Webley & Scott have also made semi auto pistols and we are also bound to cover these in the next issue of IL-PULIZIJA, before proceeding onto other makers.**

**We would like to invite our readers or other interested Police Personnel to contact the editor in writing and suggest which make they would like us to treat in the forthcoming issues, obviously after the completion of the Webley Series.**

## L-AKKWARJU

**(Ikompli minn paġna 27)**

minflok fuq il-qiegħ. Dan jirriżulta f'pressjoni żejda fuq il-qiegħ.

Niġu issa għall-ġenb. Hemm żewġ metodi kif wieħed jgħaqqad il-ġnub ma' xulxin. Disinn 'E' juri l-ewwel mod u disinn 'F' juri l-mod l-ieħor. Id-differenza bejn disinn 'E' u 'F' hija li l-joint ta' disinn 'F' huwa aktar b'saħħtu. Biss wieħed irid joqgħod attent li ma jagħmilx ħafna ·kolla ma' barra, sabiex meta jiġi biex jaħdem il-'Frame' ikun jista' jpoġġieh sewwa. Disinn 'G' juri dan li qiegħed ngħid. Hemm żewġ materjali tajbin li wieħed jista' juża – 'angle' ta' l-aluminium', jew angle tal-'plastik'. It-tieni sabiħ u faċli biex jitwaħħal flimkien. Mela s'issa tgħallimna kif ngħaqqdu l-Vaska. L-aħħar ħaġa li rrid inżid ma' dak li diġà għedt hija li wieħed mhux jaqbad jgħaqqad il-qiegħ mal-ġenb, imbagħad wara jara kif se jkompli. Irid jiddeċiedi mill-ewwel kif sejjer jgħaqqdu flimkien qabel




DISINN 'E'




DISINN 'F'

ma jaqbad il-kolla b'idejh. Meta l-vaska tkun lesta rridu nħalluha għal jumejn sabiex ir-riħa qawwija tal-kolla tmur.

## ☐ VENTILAZZJONI ADEKWATA

Importanti li naraw f'liema kamra jpoġġi l-vaska sakemm tinxef għax kif diġà għedt, il-kolla tarmi riħa qawwija ħafna u tista' tkun ta' ħsara. Għalhekk l-aħjar ħaġa hija li wieħed għandu jarma l-vaska u jħalliha tinxef f'post b'ventilazzjoni adekwata, bħal ngħidu aħna, f'garaxx bil-bieb miftuħ, jew f'xi bitħa, jew fuq bejt.




DISINN 'G'

# ATTARD BROS. CO. LTD.

## TA' QALI – Tel: 486980/621456



# BEJGH U ĠARR TA' MATERJAL

- Qatran tal-filata
- Waterproofing membrane
- Xibka mwassla bil-'high-up'
- Vireg u stirrups
- Katusi u fittings
- Siment
- Ġarr ta' torba
- Taħmil ta' plots
- Kiri ta' cranes u scaffolding


CISK
...a taste
of success.
A quality beer from FARSONS
CISK
LAGER

# *Admissibility of Post-Hypnotic Testimony*

**By KIMBERLEY A. KINGSTON**
Special Agent • FBI Academy • Legal Counsel Division
Federal Bureau of Investigation • Quantico, VA

**PART IV**

> ***" . . . law enforcement officers should be selective in their use of hypnosis and should follow procedures that grant them the greatest likelihood of admissibility."***

*Law enforcement officers of other than Federal Jurisdiction who are interested in any legal issue discussed in this article should consult their legal adviser. Some Police procedures ruled permissable under Federal constitutional law are of questionable legality under State Law or are not permitted by law or are not permitted at all.*

Today, several courts still hold to the proposition that the possible effects of hypersuggestion, hypercompliance, and confabulation impact on the weight, not the admissibility, of the testimony of previously hypnotized witnesses. These courts assume that "skillful cross-examination will enable the jury to evaluate the effects of hypnosis on the witness and the credibility of his testimony."[21]

### Admissibility Contingent Upon Reliability

Several State appellate courts since *Harding* have created a second category of cases on this issue by rejecting *Harding's* per se admissible standard, and instead, adopting a rule of limited admissibility.[22] Court decisions that fall into this category are more concerned with the problems inherent in the hypnotic process and hold that the admissibility of post-hypnotic testimony is contingent upon a showing that the hypnotically refreshed recall is reliable. While these courts agree that the key to admissibility of post-hypnotic testimony is reliability, the methods prescribed for demonstrating such reliability vary greatly by jurisdiction.

Some jurisdictions have embraced a very elementary test of reliability that requires the party proposing the testimony of a previously hypnotized witness to show that the testimony is based on the witness' independent recall and is not merely the product of the hypnotic process. Conceivably, this burden could be met by demonstrating a consonance between the witness' pre- and post-hypnotic statements, corroboration of the witness' statements made under hypnosis, or merely by establishing the opportunity of the witness to observe the events which he purports to recall under hypnosis.[23] Other jurisdictions apply a balancing test[24] which measures the probative value of the post-hypnotic testimony and weighs it against the "danger of unfair prejudice, confusion of issues, or misleading the finder of fact."[25]

However, a majority of courts that subscribe to the limited admissibility rule have shifted their attention away from the proffered post-hypnotic testimony and focus, instead, on the hypnotic process itself. Typically, these courts attempt to insure the reliability of post-hypnotic recall by imposing procedural safeguards which must be strictly adhered to during the hypnotic session. Although differing slightly from jurisdiction to jurisdiction, a majority of these safeguards have been adapted from suggestions made by Dr. Martin Orne,[26] an expert in hypnosis, and are, therefore, fundamentally quite similar.

Dr. Orne's suggestions were first introduced in the 1981 New Jersey Supreme Court case of *State* v. *Hurd*.[27] In this case, defendant Hurd was arrested and charged with assault with intent to kill when the victim of the assault identified Hurd as her assailant. The victim, Hurd's ex-wife, informed investigators that on the evening of the attack, she was asleep in the bedroom of her ground floor apartment when someone reached through the window and stabbed her numerous times. Although she was unable to identify her attacker immediately after the incident, the victim asked the police to "check out" her former husband. Later, the victim was informed that her current husband, David Sell, and her former husband, Paul Hurd, were the primary suspects in the case.

The victim then agreed to undergo hypnosis in an attempt to refresh her memory. While under hypnosis, the victim began to relive the incident and became hysterical. When asked whether the assailant was her ex-husband, the victim responded affirmatively.

After she was brought out of the hypnotic trance, the victim expressed mistrust about her identification of Hurd. However, investigators encouraged her to vindicate her current husband by making a formal identification of Hurd. Consequently, the victim gave a statement to police identifying Paul Hurd as her assailant.

**Footnotes**

[21] *State* v. *Hurd*, 432 A. 2d 86, 91 (N.J. 1981).

[22] *See, e.g., State* v. *Contreras*, 674 P. 2d 792 (Alaska App. 1983); *State* v. *Iwakiri*, 682 P. 2d 571 (Idaho 1984); *People* v. *Cohoon*, 457 N.W. 2d 998 (Ill. App. 1984); *Gentry* v. *State*, 471 N.E. 2d 263 (Ind. 1984); *Strong* v. *State*, 435 N.E. 2d 969 (Ind. 1982); *State* v. *Luther*, 663 P. 2d 1261 (Or. App. 1983); *State* v. *Jorgensen*, 492 P. 2d 312 (Or. App. 1971); *Walters* v. *State*, 680 S.W. 2d 60 (Tex. App. 1984); *Zani* v. *State*, 679 S.W. 2d 144 (Tex App. 1984); *Hopkins* v. *Com.*, 337 S.E. 2d 264 (Va. 1985).

[23] *See generally*, Plotkin, *supra* node, 4 184–85. *See also, State* v. *Contreras*, 674 P. 2d 792 (Alaska App. 1983); *People* v. *Cohoon*, 457 N.E. 2d 998 (Ill. App. 1984); *Gentry* v. *State*, 471 N.E. 2d 263 (Ind. 1984); *Strong* v. *State*, 435 N.E. 2d 969 (Ind. 1984); *Walters* v. *State*, 680 S.W. 2d 60 (Tex. App. 1984); *Hopkins* v. *Com.*, 337 S.E. 2d 264 (Va. 1985).

[24] *See, e.g., United States* v. *Valdez*, 722 F.2d 1196 (5th Cir. 1984); *United States* v. *Valdez*, 722 F. 2d 1196 (5th Cir. 1984); *State* v. *Iwakiri*, 682 P. 2d 571 (Idaho 1984).

[25] Plotkin, *supra* note 4, at 185.

[26] For a resume of Dr. Orne's qualifications, *see supra* note 10, at 1288, n. 6.

[27] 432 A. 2d 86 (N.J. 1981).

 P.S. 429 Ronald Cilia 

**FOOTBALL**

# League tal-Gvern u Korpi Parastatali 1986-87

FL-AĦĦAR ħarġa ta' dan il-magazine tajtkom rapport dwar l-ewwel logħba tat-team tal-Pulizija fil-league tal-Gvern/Korpi Parastatali (1986/87). Wara din il-logħba t-team tal-Pulizija kompla fit-triq it-tajba meta għal-logħbiet ta' wara baqa' juri progress biex spiċċa l-league fl-ewwel post tal-klassifika flimkien mat-team tal-A.F.M. b'għaxar punti kull wieħed biż-żewġ teams jitilfu logħba kull wieħed.

It-team tal-Pulizija kellu dawn ir-riżultati:-

| | |
|---|---|
| Pulizija vs Mid-Med Bank | 3-2 |
| Pulizija vs M.A.F. | 4-1 |
| Pulizija vs Air Malta | 2-1 |
| Pulizija vs A.F.M. | 2-1 |
| Pulizija vs Shipbuilding | 1-4 |
| Pulizija vs M.D.C. | 1-0 |

Iż-żewġ teams dak tal-Pulizija u tal-A.F.M. ġew promossi għall-Ewwel Diviżjoni. Fid-decider li saret nhar l-10.3.87 l-A.F.M. għelbu lit-team tal-Pulizija 3-0 biex ġew dikjarati Champions tat-Tieni Diviżjoni.

**Rapport ta' żewġ logħbiet**

## Pulizija vs A.F.M. 2-1

**Formazzjonijiet:**

PULIZIJA – PC 217 P. Dibbon, PC 959 G. Grech, PC 559 J. Mulvaney, PS 496 G. Borg, PC 607 J. Camilleri, PS 567 T. Bajada, PC 366 E. Psaila, PC 683 M. Caruana, PC 811 V. Busuttil, PC 610 L. Grima, PC 601 F. Zammit. RES: PC 874 P. Zammit, PC 1119 P. De Raffaele, PS 509 J. Lentini, PC 712 M. Magri.

A.F.M. – V. Bonnici, A. Said, J. Fenech, A. Borg, C. Micallef, M. Grima, S. Scerri, T. Galea, M. Monreal, A. Grech, V. Grech. RES: C. Sammut, G. Duca, J. Farrugia, J. Goodlip.

Wara t-telfa kontra l-M.D.C. it-team tal-Pulizija ħtieġlu jirbaħ din il-logħba biex jibqa' biċ-ċans għall-promozzjoni fl-Ewwel Diviżjoni. It-team l-ieħor f'din il-logħba dan tal-A.F.M. huwa wkoll kandidat għall-promozzjoni għaliex qabel din il-logħba kellu żewġ rebħiet u draw minn tliet partiti.

L-ewwel half ta' din il-partita kien bilanċjat biż-żewġ teamijiet jiddefendu tajjeb kull attakk avversarju bid-difiża avversarja jiddominaw fuq l-attakkanti, biż-żewġ goalers ftit li xejn ikollhom x'jagħmlu fil-lasti rispettivi. Għalkemm iż-żewġ teams għamlu minn kollox biex jiftħu l-iscore l-ewwel taqsima għalqet mingħajr goal bit-team tal-Pulizija jersaq viċin tal-goal meta ftit minuti mill-mistrieħ xutt cross ta' P.C. 610 L. Grima minn fuq ix-xellug bil-ballun jiġi għand P.S. 567 T. Bajada li bir-ras tefa' kemm kemm barra.

Għat-tieni taqsima fit-team tal-Pulizija daħal P.C. 1119 P. De Raffaele flok PC. 583 M. Caruana u fit-team tal-A.F.M. C. Sammut daħal flok V. Bonnici bħala goaler. Wara biss ħames minuti logħob it-team tal-Pulizija fetaħ l-iscore meta minn corner PC 610 L. Grima qassam lil PC 601 F. Zammit li minn barra l-kaxxa l-kbira fajjar xutt fir-rokna tax-xibka bil-goaler C. Sammut ikun ftit tard fl-attentat tiegħu biex isalva.

Wara dan il-goal it-team tal-A.F.M. għamel reazzjon immedjata u wara biss tliet minuti ġab l-iscore indaqs permezz tal-player ħabrieki tagħhom C. Micallef li wara li rċieva pass fin-nofs fajjar xutt lejn il-lasta bil-ballun jgħaddi minn taħt il-goaler PC 217 P. Dibbon u jispiċċa fix-xibka. Il-logħba kompliet aktar aggressiva biż-żewġ naħat jippruvaw jiksbu l-goal tarrebħa u f'żewġ okkażjonijiet iż-żewġ teams kellhom fejn iżidu l-iscore.

L-ewwel ċans ġie għand tal-Pulizija meta PC 1119 P. De Raffaele rċieva pass fit-tul u wara li avvanza waħdu ra x-xutt finali tiegħu jgħaddi kemm kemm barra. Ftit wara ġie ċ-ċans l-ieħor din id-darba għat-team tal-A.F.M. meta V. Grech ra x-xutt finali tiegħu jaħbat mal-lasta u jispiċċa barra. Il-goal tar-rebħa għat-team tal-Pulizija wasal fl-għoxrin minuta meta wara ħarba ta' PS 567 T. Bajada fuq il-lemin qassam ballun għan-nofs lejn PC 1119 P. De Raffaele li sammar il-ballun fir-rokna ta' fuq tal-lasta. Wara dan il-goal it-team tal-A.F.M. daħħal lil J. Farrugia flok M. Monreal. Il-logħba kompliet bit-team tal-Pulizija jiddefendi l-vantaġġ li kellu sat-tmiem u jsaħħaħ postu f'ras il-klassifika tat-Tieni Diviżjoni tal-League tal-Gvern/Korpi Parastatali.

## Pulizija vs M.A.F. 4-1

**Formazzjonijiet:**

PULIZIJA – PC 217 P. Dibbon, PC 617 T. Camilleri, PC 559 J. Mulvaney, PS 496 G. Borg, PC 314 J. Grima, PC 607 J. Camilleri, PS 567 T. Bajada, PC 287 R. Aquilina, PC 1119 P. De Raffaele, PC 874 P. Zammit, PC 811 V. Busuttil. RES: PC 1263 S. Cosby, PC 601 F. Zammit, PC 600 V. Upton, PS 509 J. Lentini, PC 610 L. Grima.

M.A.F. – Paul Muscat, Ray Muscat Terribile, Edmond Bartolo, Joe Borg, Ray Xuereb, Jimmy Briffa, Jesmond Cardona, Julian Micallef, Mario Salerno, Stephen Gatt, Alex Muscat. RES: Frank Ciantar, Kevin Haber.

Din il-logħba kienet ferm importanti għall-kumplament tal-league tat-Tieni Diviżjoni għaliex dawn iż-żewġ teamijiet kienu fost il-favoriti għar-rebħ tal-league. Iż-żewġ teamijiet kienu ġejjin minn rebħa fl-ewwel logħba tagħhom f'dan il-league u għalhekk telfa kienet tkisser it-tamiet kollha għal dawn iż-żewġ teamijiet.

# SPORTS

Għal din il-logħba ż-żewġ teamijiet niżlu bl-aħjar elementi fil-pussess tagħhom u mill-bidu dehret li ser tkun kumbattuta. Wara biss ħames minuti il-goaler tal-M.A.F. Paul Muscat weġġa' idu f'daħla ma' avversarju u għalkemm kompla l-logħba deher li ma ġiex f'sikktu. Ftit wara dan l-inċident wasal l-ewwel goal għat-team tal-Pulizija meta P.C. 811 V. Busuttil għadda l-ballun lil PS 567 T. Bajada li bir-ras qabbeż il-ballun lejn PC 287 R. Aquilina li b'xutt mill-ewwel għeleb lil goaler Paul Muscat li deher għadu jħoss l-uġiegħ fuq idu. Il-logħba kompliet biż-żewġ naħat jipprovaw jikkontrollaw lil xulxin bit-team tal-Pulizija jkompli jkun xi ftit aggressiv aktar mill-avversarji u proprju fit-30 minuta attentat tajjeb ta' PS 567 T. Bajada ġie salvat f'corner mill-goaler Paul Muscat.

Għat-tieni taqsima t-team tal-M.A.F. biddel lill-goaler Paul Muscat ma' l-attakkant Stephen Gatt u daħal bħala sostitut Kevin Haber. F'din it-taqsima t-team tal-M.A.F. ħareġ għal goal kmieni biex jipprova jsalva l-logħba u fil-5 minuta ġie ċans tajjeb għat-team tal-M.A.F. li jġib id-draw meta minn xutt b'saħħtu ta' Mario Salerno, PC 217 P. Dibbon fil-lasta tat-team tal-Pulizija, ma żammx u PC 314 J. Grima laħaq fil-ħin u tajjar il-ballun f'corner biex evita goal ċert. Fis-7 minuta wasal it-tieni goal għat-team tal-Pulizija meta PC 607 J. Camilleri ta' pass fit-tul lil PC 1119 P. De Raffaele li wara li avvanza fajjar xutt in-naħa l-oħra tal-goaler.

Ftit wara dan il-goal it-team tal-M.A.F. reġa' daħal fil-logħba meta xutt barra l-kaxxa ta' Jesmond Caruana għeleb għal kollox lill-goaler PC 217 P. Dibbon. Wara din il-ħasda t-team tal-Pulizija beda joqgħod aktar attent għal avversarji u ntefa aktar biex jiddefendi l-goal vantaġġ u jibni kontrattakki mibnija fuq PS 567 T. Bajada. F'waħda minn dawn il-kontrattakki t-team tal-Pulizija żied l-iscore meta PS 567 T. Bajada ħarab lill-avversarju dirett tiegħu u wara li avvanza fajjar xutt minn barra l-kaxxa l-kbira li għeleb għal kollox lill-goaler tal-M.A.F. Fl-20 minuta wasal il-goal l-ieħor għat-team tal-Pulizija meta P.C. 811 V. Busuttil qassam fil-qosor lil PS 567 T. Bajada li b'finta għeleb lill-avversarju u ġie waħdu quddiem il-goaler u poġġa l-ballun fir-rokna tax-xibka, biex ta rebħa meritata ta' 4-1 lit-team tal-Pulizija.


## KOTBA LI JINSABU GĦALL-BEJGĦ FIL-LIBRERIJA TAL-PULIZIJA




**KODIĊI KRIMINALI**
Lm2 Membri tal-Korp

**KODIĊI TA' LIĠIJIET TAL-PULIZIJA**
Lm2 Membri tal-Korp

**KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI**
Lm3.50 Membri tal-Korp

**F'ĠIEĦ IL-ĦAQQ — Book I**
Lm1 Membri tal-Korp

**F'ĠIEĦ IL-ĦAQQ — Book II**
Lm1 Membri tal-Korp

**Ġabra ta' Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) 1976-1978.**
(Magħżulin u miġburin mill-Onor. Imħallef Joseph A. Filletti B.A., LL.D. għall-prezz ta' Lm2.80c.


AIRMALTA
We promise you
a warm welcome.

# Open a Current Account with the Bank of Valletta






A current account with the Bank of Valletta saves so much time and trouble.

The Bank of Valletta is its only Bank in Malta that does not charge Ledger Fees.

Your money is safe and the signing of a cheque neatly covers bills and purchases.

For your convenience and safety –
**Open a current account with the Bank of Valletta.**

**Bank of Valletta Limited, Malta**
*For a Better Service*